# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXV Vol XIV Nru. 169 April - Ġunju 2014




## Litaniji Marjani




Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2014:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 8.00 |
| *Ewropa* | € 16.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 20.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2014**


***Sena XXXV Vol XIV Nru. 169***
***April - Ġunju 2014***





**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Inċiżżjoni tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu Xogħol ta' Justin Falzon*

***Wara:*** Programm tal-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Centro Aletti, Osservatore Romano, Daniel Cilia, Joseph Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219


© Copyright Ta' Pinu Publications 2014
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *"Kull nisel isejjaħli Ħienja..."*

**3** Il-Litanija fil-Liturġija u t-tradizzjoni

**5** It-Talb Litaniku fil-Bibbja

**9** Il-Litanija Lawretana

**11** Ħjut fin-Nisġa tal-Istorja

**13** Dun Mikiel Attard: Is-saċerdot li ħabb lil Ta' Pinu (1)

**16** Marija fil-Mużika

**18** Mid-Dinja Marjana

**24** Via Pulchritudinis: Wirja ta' Arti Sagra

**25** Muniti marbuta mas-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu

**26** Ix-Xogħol fuq il-bini tal-Parkeġġ tas-Santwarju

**28** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**32** L-Għanja tal-Qaddejja It-22 parti

**35** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**36** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu lis-saċerdot il-ġdid Dun Daniel Sultana, u nimpenjaw ruħna biex nitolbu għall-Vokazzjonijiet**




# "Kull nisel isejjaħli Hienja..."

Illum l-istudjużi tal-Marjoloġija lkoll jaqblu li l-frażi "Kull nisel isejjaħli hienja", li nsibu fl-Innu ta' Tifħir tal-Verġni Marija, il-*Magnificat*, ma hijiex frażi li ħarġet direttament minn fomm ix-xebba ta' Nazareth, iżda hija pjuttost frażi tal-ewwel komunitajiet Insara li sa mill-bidu nett tal-fidi tagħhom ħassew li għandhom ifaħħru lill-Verġni Marija għall-"ħwejjeġ kbar" li l-Mulej għamel magħha u mal-poplu tiegħu. U bir-raġun ngħidu dan, għaliex jekk nirriflettu ftit fuq il-ħajja ta' Marija Verġni kif ġiet murija lilna fil-Vanġeli, naraw l-umiltà kbira ta' din il-mara, li quddiem Alla tistqarr li hija sempliċement il-qaddejja tal-Mulej. Anzi, naraw kif il-missjoni tagħha kienet u għadha sal-ġurnata tal-lum missjoni ta' qadi.

Il-Verġni Marija bil-maternità divina tagħha saret il-qaddejja tal-Mulej u tal-poplu tiegħu. Marija ma tiftaħarx biha nfisha, iżda taqra l-istorja tagħha u tal-poplu kollu bl-għajnejn ta' Alla u għalhekk tħossha midjuna lejn Alla u minn fommha joħroġ dan l-innu ta' tifħir lil Alla għaliex il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien. Anki l-Atti tal-Appostli juruna kif Marija kienet miġbura fit-talb mal-Appostli u bla dubju ta' xejn hija kienet għad-dixxipli tal-Mulej u għall-ewwel komunitajiet Insara mudell mill-isbaħ ta' kif wieħed għandu jgħożż f'qalbu l-kliem tal-Feddej u fuq kollox jgħixu billi jimxi warajh.

Mela fil-kelmiet "kull nisel isejjaħli hienja" għandna l-ewwel prova Biblika ta' kif l-ewwel Insara kienu jħarsu lejn Marija. Nistgħu ngħidu li dan il-kliem juri l-imħabba u l qima li sa mill-bidu l-Verġni Marija kienet tgawdi fost dawk li emmnu. Din il-frażi profetika turi li maż-żmien il-poplu Nisrani kellu jinseġ talb, suppliki u innijiet lil dik li hija hienja għaliex emmnet kulma qalilha l-Mulej, lil dik li, għax emmnet, saret l-Omm qaddisa ta' Alla.

Ma' din il-ħarġa, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna Ta' Pinu, ser nibdew sensiela ta' ħarġiet li permezz tagħhom nirriflettu fuq l-hekk imsejħa Litanija Marjana. Ċertament,

meta jisma' l-kelma *litanija* wieħed mill-ewwel jiftakar fil-Litanija Lawretana. Veru li din hija l-aktar waħda popolari fost id-devoti tal-Verġni Marija, imma teżisti aktar minn litanija waħda ta' tifħir lill-Verġni Marija. Fil-fatt, fl-1986, il-Kurja Ġeneralizja tal-Ordni tas-Servi ta' Marija f'Ruma ppubblikat ktieb bl-isem *Suppliche Litaniche a Santa Maria*. Barra l-istudji u t-tagħrif li nsibu fih dwar il-litaniji Marjani, dan il-ktieb jagħtina lista ta' tnax-il litanija Marjana uffiċjali li nsibu fl-Ordni tas-Servi ta' Marija. Il-lista hija din:

1. Litanija Lawrctana,
2. Litanija tas-Servi ta' Santa Marija,
3. Litanija tan-Novizzi tas-Servi ta' Santa Marija,
4. Litanija Biblika lil Santa Marija,
5. Litanija lil Santa Marija mibnija fuq il-*Lumen gentium*,
6. Litanija lil Santa Marija tal-poplu tagħna,
7. Litanija tal-Knisja ta' Aquileia lill-Verġni Marija,
8. Litanija lil Santa Marija ta' Monte Berico,
9. Litanija lil Santa Marija, Mara u Omm,
10. Litanija lil Santa Marija Sultana,
11. Litanija lil Santa Marija tat-Tama,
12. Litanija tal-Addolorata.

Diversi ordnijiet reliġjużi oħra u anki qaddisin matul iż-żminijiet nisġu dawn l-innijiet ta' tifħir lill-Verġni Mbierka. Forsi hawn wieħed għandu jsemmi fuq kollox il-*Vestis Honoris*, "Libsa ta' ġieħ", innu ta' tifħir lill-Verġni Marija miktub minn San Ġorġ Preca. Hu innu tassew sabiħ, innu Bibliku, innu li jfaħħar il-virtujiet tal-Omm Qaddisa ta' Alla. Dnub li dan l-innu ma tantx huwa magħruf fost il-poplu tagħna, innu li nistgħu ngħidu jingħad biss mis-Soċji tal-*Museum* fil-festi Marjani. Aktar 'il quddiem irridu niddedikaw waħda mill-ħarġiet tar-rivista *Madonna Ta' Pinu* lil dan l-innu biex hekk aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna biex l-Insara ta' pajjiżna jfaħħru lill-Verġni Marija bil-kliem li ħareġ mill-qalb kontemplattiva ta' San Ġorġ Preca. F'dawn l-aħħar snin dan l-innu qed jitkanta fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, propju lejlet il-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, waqt il-purċissjoni tat-Translazzjoni li fiha jieħdu sehem il-komunitajiet reliġjużi u persuni kkonsagrati.

Il-litanija, f'kelma waħda, hija talba ripetittiva ta' tifħir lill-Verġni Marija, iżda fl-istess ħin hija talba riflessiva li jekk tingħad bil-kalma u kif suppost, timla lill-qalb tal-persuna b'ħena u paċi tas-Sema. Nikkonkludi billi nikkwota dak li kien qal qaddis ieħor ta' żminijietna, San Ġwanni Pawlu II, fiż-żjara tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu, meta fl-Omelija li għamel waqt il-Quddiesa nhar is-26 ta' Mejju 1990, huwa wera x-xewqa tiegħu li mis-Santwarju Ta' Pinu jkompli jintiseġ innu ta' tifħir lil Alla bil-istess kliem tal-Verġni Mbierka: **"F'dan is-Santwarju venerabbli tal-Madonna Ta' Pinu rroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu għall-preżenza u l-protezzjoni mimlija mħabba tal-Omm Verġni tiegħu li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul l-istorja kollha tagħha".** ♦





# Il-Litanija fil-Liturġija u t-tradizzjoni

minn Patri Anton Farrugia, OFM

"Nitolbok l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità, biex inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq" (1 Tim 2:1-2).

F'dawn il-kelmiet tal-Appostlu Missierna lil Timotju, il-komunità Nisranija ssib il-kuraġġ li tqiegħed quddiem il-Mulej id-diversi waqtiet tal-ħajja, id-diffikultajiet u l-bżonnijiet tal-istorja.

Fil-Liturġija mqaddsa, sa mill-ewwel kitbiet tal-Missirijiet qaddisa tal-Knisja, jiżviluppaw formulazzjonijiet tekniċi veri u propji li maż-żmien jiġu definiti f'terminoloġiji differenti fil-Lvant u l-Punent. Mid-*Didachè* għall-kitbiet tal-martri San Ġustinu, mill Papa San Klement sal Isqfijiet Sant'Ambroġ ta' Milan u Santu Wistin ta' Ippona, jidhru formularji ta' supplika, kemm fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u kemm f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi oħra.

Fil-Lvant, il-Liturġija Ewkaristika tibda b'kant ta' litanija, forma ta' djalogu bejn is-saċerdot u l-poplu. F'dan id-djalogu għandu rwol partikulari d-djaknu li nistgħu ngħidu jagħmilha ta' intermedjarju billi joqgħod bejn is-santwarju u l-ġemgħa biex imexxi t-talba tal-fidili f'għaqda ma' dik tas-saċerdot. Din it-talba tissejjaħ *ectenia* għaliex issir għall-bżonnijiet tal-komunità Nisranija u tal-bnedmin kollha. Tibda billi d-djaknu jgħid: "Fil-paċi nitolbu lill-Mulej", u l-kor iwieġeb: *"Kyrie eleison"*. Il-litanija tkompli b'numru ta' invokazzjonijiet ġenerali u partikulari u tintemm b'sejħa għall-għajnuna u s-salvazzjoni filwaqt li tfakkar l-interċessjoni qawwija tal-Madonna, dik li hija *kollha kemm hi Qaddisa, kollha kemm hi pura, imbierka fuq kollox u Sidt tagħna glorjuża, l-Omm ta' Alla u dejjem Verġni Marija u tal-Qaddisin kollha, nirrakkomandaw lilna nfusna lil xulxin u l-ħajja kollha tagħna lil Kristu Alla tagħna.* Il-kor jagħlaq billi jgħid: "Lilek, Mulej".



Fil-Punent insibu elementi tipiċi ta' din il-litanija fil-Liturġija Ambrosjana, fl-invokazzjonijiet li jintużaw fit-talba tal-fidili tal-Ħdud tar-Randan bit-tweġiba: *"Domine, Miserere"*. Imma fil-Liturġija Oċċidentali, it-talba tal-fidili tiżviluppa formularji differenti mil-Liturġija Orjentali anki għall-fatt li fil-Punent din it-talba ma tibqax marbuta strettament mad-djaknu, bħal fil-Lvant. Il-fidili li fil-Magħmudija jirċievu l-Ispirtu ta' Kristu, jagħmlu t-talb b'mod spontanju jew permezz ta' sempliċi lettur. Fil-Liturġija Rumana nistgħu ngħidu li għall-bidu t-talba tal-fidili lanqas biss kienet tagħmel parti mil-Liturġija tal-Kelma imma kienet marbuta bejn żewġ azzjonijiet saċerdotali: l-għoti tal-paċi u l-preżentazzjoni tal-offerti, kif jiddeskrivi tant tajjeb fl-Apoloġija tiegħu San Ġustinu.

L-istruttura tal-Litanija tal-Madonna għandha l-bidu tagħha fil-Litanija tal-Qaddisin li fosthom il-Madonna sabet post partikulari mill-ewwel, billi l-qima lejn l-Omm Qaddisa ta' Alla, kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent, kienet minn qabel. Għal dak li huwa kontenut, it-titli, l-invokazzjonijiet u ċerti espressjonijiet tassew sinifikattivi, qabel ma saru tifħir popolari, ġew approfonditi mill-eseġeti u l-Missirijiet qaddisa tal-Knisja, kemm f'kontroversji duttrinali u kemm f'omeliji ta' festi liturġiċi. Il-bżonn ta' tweġiba ċara wassal għad-definizzjoni tal-Konċilju ta' Efesu li ddikjara lil Marija bħala Omm Alla u ta bidu għall-produzzjoni tassew għanja ta' invokazzjonijiet Marjani li nsibu fil-Lvant sa mis-seklu ħamsa. Fil-Punent, mis-seklu għaxra sa żmien ir-Rinaxximent, żviluppa l-ġeneru tal-*Laudes Marianæ*, forma ritmika u poetika li tiġbor flimkien suppliki u ġakulatorji lill-Madonna. Influwenza kbira kellu l-*Akatistos*, innu bil-Grieg li ġie tradott għal-Latin mill-Isqof ta' Venezja, Kristofru, madwar is-seklu disgħa, u li ispira s-*Salutatio Sanctæ Mariæ* tas-seklu ħdax u innijiet oħra Oċċidentali. Il-Litaniji tal-Madonna jieħdu minn dawn, imma b'mod tassew oriġinali u varjat isawru t-titli li jagħtu lill-Madonna fuq l-Iskrittura, fid-dawl tas-simboli u x-xbihat li l-Missirijiet qaddisa tal-Knisja sabu f'diversi testi Bibliċi u applikawhom għal Marija fir-relazzjoni tagħha ma' Binha Ġesù. Bil-predikazzjoni tal-ordnijiet reliġjużi u t-tixrid tal-ispiritwalità tagħhom, il-Litaniji tal-Madonna li għall-bidu kienu jagħmlu parti minn formularji propji ta' knejjes katidrali u abbazjali, komplew joktru. Waħda minn dawn il-litaniji hija attribwita lill-Isqof Sant'Anselmu ta' Canterbury u fiha nsibu ġabra kbira ta' invokazzjonijiet lill-Madonna. F'manuskritt tal-aħħar tas-seklu tnax, insibu 42 litanija lil *Sancta Maria*. Dawn il-litaniji mill-formularju ta' Aquilea huma magħrufa wkoll bħala *Venezjani* għaliex wara l-waqgħa tal-Patrijarkat ta' Aquilea, baqgħu jintużaw Venezja sal-bidu tal-1800. Imsejħa anki *Litaniæ de Domina*, kienu jsiru waqt xi diżgrazzji. Ta' dan l-istess żmien huma l-litaniji li saru magħrufa bħala *lauretani*, billi

(Ikompli f'paġna 8)



# It-Talb Litaniku fil-Bibbja

minn Mons. Lawrenz Sciberras

Fil-laqgħat liturġiċi tagħna l-Insara, u naħseb anki fil-familji, għadhom isiru diversi forom ta' talb, jiġifieri l-irfigħ tal-moħħ lejn Alla. Fost id-diversi forom ta' talb, hemm dak imsejjaħ "talb litaniku", jiġifieri individwu jew grupp żgħir ta' nies jgħidu u jinvokaw frażijiet differenti minn xulxin, filwaqt li l-ġemgħa miġbura għal dik l-azzjoni liturġika twieġeb dejjem billi tirrepeti l-istess tweġiba. Dan il-mod ta' talb jeżisti fil-Bibbja, fil-Liturġija kif ukoll saħansitra f'ċerti reliġjonijiet oħra. F'dan l-artiklu se naraw kif it-talb litaniku li għadu jingħad fil-knejjes tagħna għandu l-bażi tiegħu fil-Kotba Mqaddsa, u forsi l-iżjed fit-Testment il-Qadim.

## L-oriġni tat-talb litaniku

Il-kelma *litanija*, λιτανεία bil-Grieg, u li minnha mbagħad il-Latin welled kważi l-istess kelma *litaniæ*, tiġbor fiha serje ta' talb, suppliki, invokazzjonijiet u interċessjonijiet qawwija lil Alla. Aħna wkoll ħadna l-istess kelma mil-Latin u ngħidu *litanija*.

Dan il-kwalità ta' talb aktarx jaf il-bidu tiegħu lejn is-sena 500, meta l-Papa Girgor I ordna li tibda ssir purċissjoni kull sena nhar il-25 ta' April. Din il-mixja qaddisa tibda mill-knisja ta' San Lawrenz *in Lucina* u tispiċċa fil-Bażilika ta' San Pietru l-Vatikan. Waqt din il-purċissjoni, il-kleru kif ukoll in-nies kellhom jintonaw talb litaniku ta' supplika lil Alla. Fil-Vatikan din il-purċissjoni bdiet tissejjaħ "rogazzjoni maġġuri". L-għan ta' dan kollu kien biex l-uċuħ tar-raba' jiġu mħarsin mill-qerda tal-ġradijiet u insetti oħra li kienu jagħmlu ħsarat kbar fl għelieqi, u anki biex jitolbu 'l Alla jagħtihom uċuħ abbundanti.

Din id-drawwa qaddisa bdiet tixtered ukoll 'il barra mill-Vatikan. Għalhekk fil-katidrali kif ukoll fil-parroċċi mxerrda mad-dinja, u speċjalment dawk qalb l-għelieqi, bdew isiru tliet purċissjonijiet ta' penitenza – fil-fatt il-kulur li kien jintuża kien il-vjola – fejn jingħadu jew jitkantaw il-litaniji tal-qaddisin, *"litaniis minoribus"*. Il-jiem ta' dawn




il-purċissjonijiet kienu t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa ta' qabel il-festa tal-Axxensjoni jew it-Tlugħ is-Sema tal-Mulej, li dejjem kienet taħbat il-Ħamis u li kienet festa kmandata bl-obbligu tal-Quddies. Dawn il-ġranet għalhekk bdew jissejħu "jiem ta' rogazzjoni". Il-kelma *rogazzjoni* hija użata biss fil-lingwaġġ liturġiku.

Barra l-Liturġija, din il-kelma assolutament ma tfisser xejn. Jien fi tfuliti, meta kont għadni abbati (mela sitta u ħamsin sena ilu), kemm-il darba ħadt sehem f'dawn il-purċissjonijiet ta' rogazzjoni. Niftakar sew meta l-Arċipriet bil-kappa vjola, qassisin, abbatini u xi ftit nies, xħin konna naslu ħdejn is-salib li kien hemm fil-pjazza tal-knisja, konna nieqfu, hu jgħid talb naturalment bil-Latin, u bl-ilma mbierek ibierek ir-riħ u l-għelieqi. Minħabba t-tul ta' dawn il-litaniji u talb ieħor, dawn bdew jissejħu "talb litaniku", jew talb twil ħafna, talb immens, talb kolossali.

Biss hawn sewwa li ngħidu wkoll li l-litaniji tal-qaddisin, u naturalment il-Litanija tal-Madonna, madwar is-sena 400 diġà kienu jingħadu bil-fervur kollu fl-Orjent. Dan ġie kkonfermat u msaħħaħ minn sejba ta' test bil-Grieg preċiżament fl-Asja ż-Żgħira. Bi probabbiltà kbira dan il-kwalità ta' talb, fil-każ tagħna l-Litanija, kien jibda jingħad matul it-triq li twassal sa ħdejn is-santwarju jew knisja oħra partikulari ddedikata lill-Madonna. Naturalment, xħin imbagħad il-ġemgħa tasal fil-post qaddis, it-talb jiżdied b'aktar fervur. Kelma teknika għal dan il-kwalità ta' talb hija l-kelma *supplika*. Ta' min ikompli jgħid hawn li kien importanti ħafna dak il-waqt fejn ikun hemm għaqda bejn il-qalb, ir-ruħ u l-ħsieb ta' min ikun qiegħed jitlob. Il-Lhud isejħu dan il-proċess mentali *Qavana*. Xi forom ta' penitenzi ma humiex esklużi minn dan il-kwalità ta' talb partikulari fi ġranet partikulari u lejn santwarji partikulari.

## Fil-Bibbja

Ħalli nkomplu issa nuru l-bażi Biblika ta' dan il-kwalità ta' talb. Interessanti kif fit-Testment il-Qadin għandna żewġ eżempji fejn insibu preċiżament in-nom Grieg λιτανεία, mela *litanija*. U din il-kelma tfisser preċiż talb ħerqan, supplika qawwija lil Alla flimkien mal-irfigħ tal-idejn 'il fuq lejn Alla. Il-kuntest ta' dan it-talb qiegħed fil-kotba tal-Makkabin. Ħalli nieħdu dawn iż-żewġ eżempji fejn naraw kif il-kelma *litanija* tfisser talb ħerqan lil Alla: "Ilkoll, b'idejhom merfugħa lejn is-sema, bdew jitolbu bil-ħerqa" (2 Mak 3:20); kif ukoll: "Il-Makkabi u n-nies tiegħu għamlu supplika u talbu lil Alla li jkun alleat tagħhom u ħabtu għall-fortizzi tal-Edomin" (2 Mak 10:16). Il-kuntest ta' dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet huwa mument ta' taqbid bejn il-poplu magħżul, il-Lhud, u l-poplu l-ieħor pagan, il-Griegi, li kienu mmexxija minn Antjoku Epifanju.

Hawn tidher sew il-laqgħa tal-kreatura mal-Ħallieq. L-imsejken, dejjem għaliex magħfus sew, jgħajjat, jitlob, jirrepeti mingħajr ma jegħja, u jfaħħar it-tjubija, il-kobor u l-providenza ta' Alla. Għalhekk



issa dawn il-litaniji ta' supplika jinsabu l-aktar fis-Salmi, għanjiet li wħud minnhom jesprimu s-sitwazzjoni bosta drabi prekarja ta' min qed jitlob. Dan għaliex ikun għaddej minn xi mard, minn xi gwaj, minn xi ħsara irreparabbli, minn xi mewt xejn mistennija, jew anki ħsara fl-għelieqi tiegħu stess. Hekk ifisser periklu fl-għixien tiegħu, ta' martu u xejn anqas ta' wliedu. Allura b'idejh merfugħa lejn Alla, kif ukoll bosta drabi jħares lejn il-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm, dak li jkun, jitlob il-litaniji ta' supplika u ħniena: "Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek".



## Mumenti ta' ferħ fis-Salmi

Waqtiet oħrajn fejn il-poplu Lhudi kien jitlob din il-kwalità ta' salmi huwa dak il-waqt meta toħroġ ix-xewqa u wara din issir deċiżjoni li xi grupp ta' nies jew xi familja kbira jmorru f'pellegrinġġ qaddis lejn Ġerusalemm. Hawn wieħed ma jistax jiddeskrivi l-ferħ li jidħol u jinvadi – *xalal* – il-ġisem u l-qalb tal-persuna. Hekku allura l-grupp ta' Salmi msejħin tat-Telgħat: "Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet, mnejn se tiġini l-għajnuna... Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek, minn issa u għal dejjem" (Salm 121:1,8); "Fraħt meta qaluli: 'Sejrin f'dar il-Mulej!'" (innota l-esklamazzjoni, għaliex din tfisser xi ħaġa kbira tassew); "Diġà qegħdin riġlejna fi bwiebek, Ġerusalemm!" (Salm 122:1-2); "Min jitma' fil-Mulej hu bħall-għolja ta' Sijon, li qatt ma titħarrek... Bħalma l-għoljiet iduru madwar Ġerusalemm, hekk il-Mulej madwar il-poplu tiegħu" (Salm 125:1-2). Topografikament dan huwa kollu veru, għaliex Ġerusalemm kienet u għadha mdawra bil-muntanji.

Iżda t-talb litaniku fis-Salmi jkompli joħroġ għad-dawl fl-aqwa tiegħu, forsi fis-Salmi 118 u 135. Fis-Salm 118 jidher ċar li qiegħda ssir purċissjoni trijonfali. Waħda mill-okkażjonijiet ta' din il-purċissjoni kbira u kolossali kienet waħda mill-jiem tal-festa tal-Għerejjex, mela f'Settembru-Ottubru. Il-parteċipanti kollha, inklużi naturalment in-numru kbir ta' qassisin u l-Leviti, kien ikollhom il-bwieqi tal-ilma f'idejhom. Allura kienu jitilqu mill-Bitħa tat-Tempju, jinżlu sa ħdejn il-Għajn ta' Siloam, jimlew il-bwieqi bl-ilma, jirritornaw u jsawbu l-ilma f'riġlejn l-altar tat-Tempju. Numru ta' nies oħrajn kienu jkunu bil-friegħi tal-palm f'idejhom ixejruhom u jkantaw (Salm 18:27b). Hawn għalhekk issa jirbombja r-ritornell, litanija: *"Ki le olâm ħasdo* – Għax għal dejjem hi t-tjieba tiegħu!".

Hemm ukoll is-Salm 136 li jissejjaħ "litanija ta' radd il-ħajr". Din il-għanja, li fiha tnejn u tletin vers, nofshom preċiż jirrepetu dejjem l-istess frażi: "Għax għal dejjem it-tjieba tiegħu". Hawn mhux ta' min jinsa li fi żminijiet daqshekk imbiegħda l-qari kien limitat ħafna u ħafna. Għalhekk in-nies miġburin għal-liturġija kienu jitgħallmu bl-amment l-istess vers u jirrepetuh waqt il-funzjonijiet. Hekk allura ħarġu l-litaniji. F'dan is-Salm 136, f'għamla ta' għanja, hawn l-istorja tas-salvazzjoni li minnha għadda l-poplu Lhudi; tibda mill-ħolqien tas-sema u l-art, titkellem dwar il-qsim tad-deżert u d-dħul fl-Art Imqaddsa, u tispiċċa bir-radd ta' ħajr lil Alla.

## It-tliet żgħażagħ tal-Babilonja

Okkażjoni oħra fejn niltaqgħu mill-ġdid ma' forma ta' litanija fil-Bibbja hija dik tat-tliet żgħażagħ tal-Babilonja li assolutament ma ridux jaduraw l-istatwa tad-deheb li waqqaf Nabukodonosor (Dan 3:1). Il-kastig ta' dawn iż-żgħażagħ kien wieħed tassew krudil: xeħtuhom fil-forn tan-nar imkebbes seba' darbiet aktar. Waqt li kienu hemm fin-nar huma "bdew ifaħħru, isebbħu u jbierku" 'l Alla. Issa l-forma tat-talba litanika ta' dawn it-tliet żgħażagħ qiegħda għaliex wara kull vers kienu jwieġbu dejjem l-istess: "Ta' min ifaħħrek u jgħollik għal dejjem", inkella: "Faħħruh u għolluh fuq kollox għal dejjem" (ara Dan 3:51-90). Illum parti minn dan l-innu litaniku għadna ngħiduha bħala ringrazzjament wara l-Quddiesa.

## Il-muntanji Għebal u Gariżim

Eżempju ieħor ta' dan il-kwalità ta' talb litaniku qiegħed fil-ktieb tad-Dewteronomju. Hawnhekk insibu liturġija ta' barkiet u saħtiet. In-nies, dejjem fuq l-ordni ta' Mosè, inqasmu f'żewġ gruppi, wieħed fuq il-muntanja Għebal u l-ieħor fuq il-muntanja Gariżim. Bejniethom hemm il-wied, li fih kien hemm numru ta' persuni u Leviti jgħallmu lin-nies kif għandhom iwieġbu "misħut" jew "imbierek" (Dewt 27:11-26). Din il-forma ta' litanija kienet isservi wkoll ta' tagħlim, speċjalment tagħlim morali.

## Konklużjoni

Minn dawn l-eżempji Bibliċi nistgħu faċilment nikkonkludu kif matul il-mixja taż-żmien bdew bil-mod il-mod jinbtu l-litaniji fil-forom li nafuhom aħna, speċjalment il-litaniji tal-Madonna reċitati fil-mixja lejn xi santwarju Marjan. Biss ma ninsewx li l-bażi ta' kollox huma l-Kotba ispirati li lejhom għandu jkollna tassew rispett, qima, imħabba u għożża.♦

(ikompli minn paġna 4)

## Il-Litanija fil-Liturġija u t-tradizzjoni

fil-bidu tas-seklu sittax kienu jitkantaw fis-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto. It-73 invokazzjoni li nstabu f'manuskritt f'Pariġi, taqta' barra l-appellativ ta' *magistra*, għandhom l-istess struttura tal-Litaniji Lawretani. Mill-bqija, fiż-żewġ formularji, Marija hija invokata bħala *mater* u *virgo* b'serje ta' titli simboliċi u Bibliċi u wkoll bħala *regina*.

Il-Litaniji Lawretani saru l-aktar popolari fid-devozzjoni lejn il-Madonna, grazzi anki għall-intervent tal-Papa Sistu V li għanihom bl-indulġenzi. Imbagħad il-Papa Klement VIII fl-1601 għaraf l-importanza tagħhom u approvahom uffiċjalment għall-Knisja kollha bid-digriet *Quoniam multi*. L-44 invokazzjoni ppubblikati wara l-1572 illum saru 50, wara li fi tmiem il-Konċilju Vatikan II, il-Papa Pawlu VI iddikjara lill-Madonna bħala *Omm il-Knisja* u San Ġwanni Pawlu II matul il-Pontifikat tiegħu sejjaħ lil Marija *Sultana tal-Familja*, titlu li kkonferma l-Papa Benedittu XVI quddiem ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu meta fuq il-Fosos tal-Furjana żejjinha b'warda tad-deheb.

Ta' min jgħid li minbarra l-Litaniji Lawretani, jeżistu litaniji oħra li jkomplu jagħmlu aktar għanja d-devozzjoni Marjana. Ta' min isemmi l-Litaniji ta' Magonza, ta' Alcobaca, tar-Reġina Eleonora, dawk li nsibu fir-Rit tal-Inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna, u l-formularji litaniċi tal-Ordni tas-Servi ta' Marija. Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll diversi litaniji propji ta' ordnijiet reliġjużi oħra u dawk li ssawru dan l-aħħar żmien ispirati mill-Iskrittura u l-Kostituzzjoni *Lumen Gentium* tal-Konċilju Vatikan II. Imiss lir-Rgħajja tal-Knisja li jgħallmu lill-fidili fil-knejjes u b'mod partikulari fis-santwarji Marjani, formularji qodma u ġodda kif ukoll lokali bħalma tista' tkun il-*Vestis Honoris*, il-"Libsa ta' Ġieħ" li sawwar f'ġieħ il-Madonna l-qaddis tagħna San Ġorġ Preca. ♦



# Il-Litanija Lawretana

**minn Dun Samuel Grech**

Il-Litanija (mill-Grieg *litanea*, talba, supplika) hija talba popolari li ġeneralment ngħiduha wara r-Rużarju, għalkemm tista' tingħad ukoll waħedha kif kien isir fil-bidu. Matul iż-żmien nibtu diversi forom ta' litaniji Marjani li żviluppaw wara l-Litanija antika tal-Qaddisin. Dik li hija magħrufa minna lkoll tissejjaħ "il-Litanija Lawretana", għax sa mis-seklu sittax kienet titkanta fis-Santwarju ta' Loreto. F'dan ir-rigward hija ta' interess ix-xhieda ta' San Pietru Kanisju li sar jaf bil-Litanija Lawretana meta żar is-Santwarju ta' Loreto fl-1558 u wara daħħalha fi ktieb ta' talb li għamel suċċess u allura għen biex din issir popolari.

Rigward l oriġni tal Litanija Lawretana, dan ma seħħx fis-Santwarju ta' Loreto, imma jmur lura għal ħafna qabel, tant li fil-forma essenzjali u karatteristika tagħha hija ddokumentata f'manuskritt tas-seklu tnax. Kien imbagħad grazzi għas-Santwarju Lawretan li din il-Litanija saret popolari.

Fl-1587 il-Papa Sistu V, permezz tal-Bolla *Reddituri*, ta mitejn jum indulġenza lil dawk li kienu jitolbu l-Litanija tal-Beata Verġni Marija li l-Papa ried li tkun biss dik li kienet tingħad fis-Santwarju ta' Loreto. Fl-1601 il-Papa Klement VIII kompla mal-ħsieb tal-predeċessur tiegħu, jiġifieri li fil-Knisja Latina, il-Litanija li għandha tingħad kellha tkun biss dik Lawretana. Dan għaliex, kif għedna, maż-żmien nibtu diversi litaniji li, imma, uħud minnhom kienu diskutibbli. L-effett tal-Konċilju Vatikan II wassal biex ikun hemm pluraliżmu san fir-rigward tal-litaniji, u għalhekk illum ukoll jeżistu diversi tipi ta' litaniji li ġew aċċettati.

Mument importanti fl-istorja tal-Litanija Lawretana kien l-inklużjoni tagħha fir-*Rituale Romanum*, l-ewwel fl-1874 u mbagħad fl-1952, xi ħaġa li tagħti karattru liturġiku lil din it-talba devozzjonali.

Il-Litanija Lawretana hija magħmula minn diversi invokazzjonijiet ta' valur Bibliku, duttrinali u devozzjonali. L-ewwel disgħa huma indirizzati lill-Mulej/Kristu u lit-Trinità. Wieħed u Ħamsin invokazzjoni



huma indirizzati lil Marija. Dawn jinqasmu hekk:

- It-tliet invokazzjonijiet tal-bidu li ġejjin direttament mil-Litanija tal-Qaddisin (Imqaddsa Marija, Imqaddsa Omm Alla u Imqaddsa Xebba tax-Xbejbiet).
- Tnax-il invokazzjoni li huma indirizzati lil Marija bħala "Omm".
- Sitt invokazzjonijiet li huma indirizzati lil Marija bħala "Verġni".
- Tlettax-il invokazzjoni li ġejjin mill-Bibbja (Arka tar-Rabta l-Ġdida, Tron tal-Għerf, eċċ).
- Erba' invokazzjonijiet ġejjin mid-devozzjoni tal-Medjuevu (Kenn tal-Midinbin, Faraġ tal-Imnikktin, eċċ).
- Tlettax-il invokazzjoni jikkontemplaw lil Marija bħala "Sultana".

Sat-tieni nofs tas-seklu dsatax, l-invokazzjonijiet indirizzati lil Marija kienu erbgħa u erbgħin. Minn dakinhar il-Papiet żiedu oħrajn:

- Piju IX: *Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa* (1854, wara d-Domma tal-Immakulata). Dan ma sarx b'xi digriet apposta, imma kienet xi ħaġa spontanja aċċettata universalment, frott il-ħeġġa li kien hemm għad-definizzjoni tal-Immakulata. Ta' min jgħid li l-Papa Girgor XVI (†1846) sa minn qabel id-definizzjoni tad-domma kien diġà kkonċeda lil diversi djoċesijiet li tingħad din l-invokazzjoni fil-Litanija.
- Ljun XIII: *Sultana tar-Ružarju Mqaddes* (1883). Lill-Papa Ljun nistgħu nsejħulu l-Papa tar-Ružarju, għax kiteb għadd ta' enċiklići fuq din it-talba għażiża. Kienet għalhekk xi ħaġa naturali li jżid din l-invokazzjoni. Kien dan il-Papa li ried li l-Litanija tingħad wara r-Ružarju. Barra minn hekk, l-istess Papa żied l-invokazzjoni *Omm tal-Parir it-Tajjeb* (1903), it-titular tas-Santwarju ta' Genazzano, li lejh kellu devozzjoni partikulari.
- Benedittu XV: *Sultana tal-Paċi* (1916). Dan seħħ fil-kuntest tal-Ewwel Gwerra Dinjija u juri r-rieda tal-Papa favur il-paċi.
- Piju XII: *Sultana Mtellgħa s-Sema* (1950, wara d-Domma tal-Assunta).
- Ġwanni Pawlu II: *Omm il-Knisja* (1980). Kien il-Papa Pawlu VI li fi tmiem it-tielet sessjoni tal-Konċilju Vatikan II, fil-21 ta' Novembru 1964, ipproklama lil Marija bħala "Omm il-Knisja", liema titlu ġie miżjud mal-Litanija minn Ġwanni Pawlu II. L-istess Papa żied ukoll it-titlu *Sultana tal-Familja* (1995), tema għażiża għal dan il-Papa u għall-papiet li ġew warajh. Il-Papa Benedittu XVI meta kien fostna f'Malta fl-2010, qabel ma' offra l-Warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu, ħeġġiġna biex nitolbu u nsejħu lill-Madonna Ta' Pinu bħala s-Sultana tal-Familja, filwaqt li lkoll nafu bl-impenn qawwi tal-Papa Franġisku favur il-familja.

It-talba litanika tista' tkun utli, speċjalment fil-ħajja mgħaġġla tal-lum. Anki meta nkunu impenjati b'ħafna affarijiet, li nirrepetu xi invokazzjoni litanika jew xi ġakulatorja kultant, jista' jgħinna biex nagħmlu mill-ħajja tagħna talba kontinwa lil Alla.



(Ikompli f'paġna 12)




## *Il-Madonna tkellmet bl-Għawdxi*

**minn John Cremona**

Wara li l-Madonna kellmet lil Karmni Grima nhar it-22 ta' Ġunju 1883 u l-fatti bdew jiġu magħrufa, il-fama tal-kappella tal-Madonna ta' Pinu xterdet bħal berqa madwar il-gżejjer Maltin kif ukoll f'ħafna pajjiżi kemm qrib tagħna jew li fihom emigraw l-Għawdxin.

Biex jissodisfaw it-talbiet tal-mijiet u eluf ta' pellegrini li bdew iżuru l-kappella ta' Pinu, bdew jiġu stampati xbihat tal-kwadru mirakoluż biex ikunu jistgħu jittieħdu mill-pellegrini fid-djar tagħhom flimkien maż-żejt mil-lampa tal-Madonna. Fil-ktieb 'Il Hmistax l'Erbgha tal Madonna ta' Pinu' li ħareġ fl-1897, Mons. Alfons Marija Hili li kien Rettur tas-Santwarju jirreklama li *'Fis Santuariu ta' Pinu uiehed jirriscatta dawn l' oggetti...olegrafiji, incisjonijiet, fotografiji ecc.'*

Insibu li kotba tat-talb biex jingħad fil-kappella Ta' Pinu li jirrakkomandaw id-devozzjoni tat-tliet Ave Marijiet f'ġieh it-tlett ijiem li l-Madonna damet fil-qabar, kif ukoll id-devozzjoni lejn il-pjaga l-moħbija ta' Ġesù bdew jiġu stampati sa mill-1887, jiġifieri erba' snin biss wara li seħħet il-ġrajja u propju fl-istess sena li fiha l-Isqof ta' Għawdex Mons. Pietru Pace u l-Arċipriet tal-Għarb reġgħu ħadu x-xhieda ġuramentata dwar il-ġrajja minn fomm Karmni nnifisha.

Niftakar li fl-1983, fl-ewwel ċentinarju mill-ġrajja tal-Madonna ta' Pinu, iz-ziju tiegħi Ganninu Cremona kiteb poeżija twila intitolata 'Il-Ġrajja tal-Madonna ta' Pinu' u erba'versi minnha laqtuni u baqgħu dejjem iħabbluli moħħi. Il-versi kienu dawn;

*'U tkellmet il-Madonna*
*bl-ilsien tagħna l-Maltin*
*ma'Karmni xebba twajba*
*mill-Għarb, nisel l-Għawdxin'.*

Fl-opinjoni tiegħi kull min ħa u kiteb ix-xhieda ta' Karmni naqas li jagħmel






mistoqsija importanti ħafna. Biex tkellmet il-Madonna? Dan jista' jkun minħabba li r-rakkonti kollha dwar il-ġrajja nkitbu bit-Taljan - għaliex dakinhar il-lingwa uffiċċjali tal-Knisja u tal-Gvern kien it-Taljan - u jista' jkun ukoll li minħabba li l-lingwa Maltija ma kinitx apprezzata kif jixirqilha, ħadd ma ta' kas ta' dan id-dettall importanti. Jiena konvint li l-Madonna tkellmet b'mod li Karmni setgħet tifhimha sew u dan ma setax ikun ħlief bid-djalett Għawdxi partikolari tal-Għarb. Isaħħaħ it-teorija tiegħi l-fatt li f'dehriet oħra rikonoxxuti, il-Madonna dejjem tkellmet bil-lingwa tal-post anzi bid-djalett partikolari tal-post fejn dehret. F'Lourdes fejn il-Madonna tkellmet għal diversi drabi ġie nnutat speċifikament li l-Madonna tkellmet bid-djalett *'patois'* partikolari ta' Lourdes kif naraw miktub f'riġlejn il-Madonna fil-grotta *'Que soy era Immaculada Concepciou'*. Dan il-fatt ma' kienx madanakollu limitat biss għad-dehra ta' Lourdes għaliex nafu li f'La Salette l-Madonna tkellmet bl-*'occitan'* u fi Guadelupe bin–*'nahati'* djaletti partikolari taż-żewġ postijiet.

Għalkemm it-teorija tiegħi forsi qatt ma tista' tiġi ppruvata, dan ma jbiddel xejn mill-importanza tal-ġrajja u mill-fatt li l-post magħżul mill-Madonna biex twassal il-messaġġ tagħha kien Għawdex, propju f'dik il-kappella ċkejkna fl-Għarb.

Il-litografija li qiegħed nippubblika hija x'aktarx l-ewwel rappreżentazzjoni tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu. Saret seba' snin biss wara li seħħet il-ġrajja u ġiet ippubblikata fil-ktieb maħruġ minn Mons Luigi Vella intitolat 'Il-Madonna ta' Pinu' u li ġie stampat fl-1890. L-istampa għandha qisien ta' 110mm x 75mm u għalkemm kważi ċert li saret minn artist lokali, l-identità tiegħu mhix magħrufa.♦

*Nota: Dan l-artiklu ġie mgħoddi lir-rivista 'Madonna Ta' Pinu' mill-awtur innifsu u ġie stampat għall-ewwel darba fil-ħarġa tal-Ħajja f'Għawdex Nru 958, (Mejju 2014).*

---

(ikompli minn paġna 4)

## Il-Litanija Lawretana

Kif tajna ħjiel fil-bidu, il-Litanija fin-natura tagħha ma twelditx biex tkun il-konklużjoni tar-Rużarju. Illum il-ġurnata l-Knisja tistedinna nagħrfu l-valur tagħha fiha nfisha bħala talba li tista' tingħad anki indipendentament mir-Rużarju.

Isem ieħor li nistgħu nagħtu lil din it-talba litanika hu *Innu ta' Tifħir lil Ommna tas-Sema*, u għalhekk hu wisq xieraq li din it-talba tingħad bi spirtu ta' devozzjoni, b'ferħ spiritwali, fejn wieħed ikun konxju ta' dak li qiegħed jistqarr dwar il-Verġni Marija, u mhux b'mod mekkaniku kif ħafna drabi jista' jiġrilna. B'hekk it-talb jista' jħalli fina l-frott spiritwali u jnissel ġo qalbna paċi u serħan il-qalb.♦



# Dun Mikiel Attard

## *Is-Saċerdot li ħabb lil Ta' Pinu – 1*



**minn Dun Daniel Xerri, Viċi -Postulatur**

*Dun Mikiel Attard, min-Nadur, Għawdex, miet b'fama ta' qdusija nhar il-31 ta' Lulju 2004. B'editt tal-1 ta' Awwissu 2012, l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, ta bidu għall-Inkjesta Djoċesana dwar il-ħajja u l-virtujiet erojċi ta' dan il-Qaddej ta' Alla. Dawk li jafu personalment lil Dun Mikiel jibqgħu jiftakruh b'mod partikulari għall-imħabba li kellu lejn il-Madonna. Huwa ħadem ħafna b'mod partikulari biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu meqjuma fis-Santwarju tagħha f'Għawdex u kellu ammirazzjoni partikulari lejn dan il-post.*

*Kien għalhekk li, fuq stedina tar-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar, il-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni ta' Dun Mikiel Attard se tieħu ħsieb tippubblika fuq din ir-rivista xi kitbiet ta' dan il-Qaddej ta' Alla f'rabta mas-Santwarju Ta' Pinu, bl-għan li jsir aktar magħruf mhux biss Dun Mikiel innifsu imma wkoll il-veru messaġġ Ta' Pinu kif imnebbaħ lil dan il-Qaddej ta' Alla.*

*Illum se nġibu artiklu li kien kiteb fl-1983, fl-okkażjoni ta' meta s-Santwarju Ta' Pinu kien qed jiċċelebra l-ewwel ċentinarju minn meta Karmni Grima semgħet il-leħen tal-Verġni Marija mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu; ġrajja li seħħet nhar it-22 ta' Ġunju 1883. Barra minn dan, fl-1983 fil-Knisja universali kien qed jiġi ċċelebrat il-Ġublew tar-Redenzjoni. Minħabba dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu kien ġie meħud għall-ewwel darba fid-Djoċesi ta' Malta għall-qima tal-Insara. F'dan l-artiklu Dun Mikiel jaqsam xi riflessjonijiet personali dwar il-fidi tiegħu fil-Madonna Ta' Pinu u r-rabta personali tiegħu mas-Santwarju tagħha. Huwa jħeġġeġ lil kulħadd, inkluż lil dawk li tbiegħdu mill-fidi, biex fis-Santwarju Ta' Pinu jerġgħu jfittxu t-triq li twassalhom għand Kristu permezz ta' Marija.*

* * *

## Il-Madonna Ta' Pinu: lili, lilek u lil kull Għawdxi u Malti

**Dun Mikiel Attard**

Mis-Sibt 2 sat-Tnejn 11 ta' Lulju [1983], il-kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu ser ikun, għall-ewwel darba fl-istorja, f'Malta għall-qima tal-pubbliku. Dan il-kwadru hu ċ-ċentru u l-qofol tal-istorja u l-kumpless li żviluppa f'Ta' Pinu, Għawdex. F'din l-okkażjoni nixtieq naqsam l-esperjenza tiegħi u nagħmel xi appell lill-qarrejja.



Kull meta ninvista dan is-Santwarju, jien inħoss li Ġesù jħobbni, mhux biss għax jien bniedem, mhux biss għax jien Nisrani (grazzi lil San Pawl u lill-Knisja Kattolika lokali), mhux biss għax jien saċerdot, iżda wkoll Ġesù jħobbni bħala Għawdxi/Malti ġaladarba, bl-interċessjoni ta' Ommu Marija, ippermetta din il-ġrajja (Ta' Pinu) li hi għajn ta' grazzji tar-ruħ u tal-ġisem għan-nazzjon tagħna.

Qabel nibda x-xogħol prinċipali tiegħi fis-Seminarju,[1] qabel u wara li nsiefer, meta rrid nieħu xi deċiżjoni importanti f'ħajti, fl-inkwiet personali jew familjari, eċċ., jien għandi d-drawwa li mmur noffri, nirringrazzja, nitlob u nikkomunika ma' Ġesù għad-dell ta' Ommu u Ommna Marija, taħt it-titlu "Mtellgħa fis-Sema" fis-Santwarju Ta' Pinu. "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej". Mhux dejjem qlajt preċiż dak li tlabt, u kelli l-inkwiet fil-ħajja: fost l-oħrajn, darbtejn dħalt l-Isptar *St Vincent* f'Melbourne (l-Awstralja), darbtejn oħra f'*St Luke's* (Malta), u s'issa darbtejn oħra fl-Isptar *Craig* ta' Għawdex. Darba l-karozza waqgħetli l-baħar fiż-Żewwieqa, l-Imġarr, eċċ. Imma dejjem ħriġt sodisfatt minn Ta' Pinu, inkuraġġut u aħjar minn qabel. *"Prayers always work in a way or in another!"*.

Minn din l-esperjenza personali, inħoss li l-ġrajja Ta' Pinu u l-kumpless li qiegħed dejjem jiżviluppa mas-Santwarju, għandha tkun għalina u nużawha bħala valur apoloġetiku, pastorali u appostoliku. Għalhekk, fiduċjuż fl-interċessjoni qawwija ta' Marija quddiem Binha Ġesù, bl-inizjattiva (u allura valur) personali, nagħmel dawn l-appelli lil diversi kategoriji tal-poplu Għawdxi u Malti.

## Valur apoloġetiku

Intom li tgħidu li tliftu l-fidi u l-fiduċja f'Alla (atej, injostiċi, komunisti, dubjużi u perplessi fil-fidi, bierda u indifferenti reliġjożament, eċċ.), ejjew sa Għawdex, morru żuru s-Santwarju Ta' Pinu; kunu sinċieri u intelliġenti fit-tfittxija ġenwina tal-Verità u osservaw li l-kumpless Ta' Pinu ma jistax ikun biss opra ta' xogħol il-bniedem. Żgur li tħossu l-element aqwa min-natura. Żgur li Ta' Pinu hu frott aqwa mill-psikoloġija, sentimentaliżmu, folklor, parrokkjaliżmu, sistema organizzattiva, *brain washing*

tal-*mass media*, teknika industrijali, eċċ. Hi l-qawwa tal-Mulej Ġesù, li ppermetta ġrajja b'qawwa 'l fuq mis-sensi, mix-xjenza, mill-intellett uman,[2] bl-interċessjoni sopranaturali ta' Marija, Ommu u Ommna, anki jekk midinbin. Ejjew fis-skiet nesperimentaw (biex nuża din il-kelma) u b'*childlike vision* (jiġifieri mingħajr preġudizzji u inibizzjonijiet psikoloġiċi) issibu "dawl" għal moħħkom, mistrieħ għal qlubkom, u l-bidu tat-triq tal-ħelsien li mill-pessimiżmu, frustrazzjoni, dnub u infern twassalkom għas-Salvazzjoni integrali li tagħha qegħdin niċċelebraw l-1950 sena bil-Ġublew tal-Fidwa.

## Valur pastorali u appostoliku

Intom miżżewġin li tinsabu fl-inkwiet u periklu tat-tkissir tal-familja: flok taħsbu fl-annullament, tippjanaw separazzjoni, toħolmu bid-divorzju, ejjew fis-Santwarju Ta' Pinu flimkien; kull *partner* jinsa jew jinjora t-tort tal-*partner* tiegħu, itolbu lil Ġesù, li fit-tieġ tagħkom quddiemu wegħidtu l-imħabba lejn xulxin, bl-interċessjoni ta' Marija. Veru li mhux se jsir *magic*, iżda n-nervi u s-suspetti jonqsu, il-ħtijiet jiċċaraw minn kull naħa, id-dnub jinħafer (jekk tqerru) u żgur tieħdu dawl ġdid u saħħa spiritwali biex taffaċċjaw b'aktar realiżmu l-problemi tagħkom, issofruhom b'mertu, u meta jasal il-mument tal-grazzja, jinħallu wkoll u terġa' tixxettel l-imħabba bejnietkom skont Ġesù u mhux biss skont is-sensi jew fil-films, eċċ.

Intom żgħażagħ: fl-irwiefen, problemi u dwejjaq tal-ħajja, flok tfittxu d-droga, ix-xorb, l-abbuż sesswali, ejjew fejn Ġesù taħt il-mant tal Madonna Ta' Pinu. Meta ssibu xogħol, qabel tibdew taħdmu, qabel issiefru, jew (jekk Għawdxin) qabel tmorru taħdmu f'Malta, qabel tieħdu deċiżjoni fuq iż-żwieġ, ejjew offru dan kollu lil Ġesù minn idejn Marija. Intom studenti fin-nofs tat-triq tal-għażla tal-ħajja, ejjew ħudu d-dawl ta' Ġesù fis-Santwarju Ta' Pinu u żgur tevitaw ħafna inganni.

Intom seminaristi, novizzi, studenti reliġjużi, saċerdoti: meta tħossu "t-toqol" tal-vokazzjoni jew tal-komunità tagħkom, ejjew ħudu *injection* minn Ta' Pinu u ġġeddu fl-għotja sħiħa u ġenwina tagħkom lill-Mulej.

Intom ħaddiema, li tliftu l-fiduċja fis-saċerdoti, fl-istruttura tal-Kurja djoċesana jew tal-parroċċa: jekk tħossu li sofrejtu xi inġustizzja jew skandlu mill-persuni tal-Knisja, ejjew aħarqu dan it-"tfixkil" li jbegħedkom mill-prattika reliġjuża, bħala "żejt" quddiem Ġesù u Marija fis-Santwarju Ta' Pinu, u ssibu enerġija biex tgħixu ta' Kattoliċi anki fuq il-post tax-xogħol.

Intom intellettwali, li forsi m'intomx tużaw it-talenti professjonali tagħkom għall-bini tas-Saltna ta' Ġesù u tħossukom *insecure*: "iċċekknu" quddiem il-Mulej u hu "jgħollikom". Ejjew itolbu f'Ta' Pinu biex Ġesù jagħmel minnkom intellettwali Kattoliċi u appostli, u b'hekk tħossu ċertu *fulfilment* fil-ħajja professjonali tagħkom.♦

---

**Riferenzi**

1 F'dak iż-żmien Dun Mikiel kien Direttur Spiritwali fis-Seminarju ta' Għawdex.

2 Hawn Dun Mikiel qed jirreferi għall-ġrajja ta' meta Karmni Grima semgħet lill-Madonna ssejħilha.

*Kull min jista' jagħti xhieda fuq il-ħajja tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, jew għandu xi materjal miktub f'rabta miegħu, jew jaqla' xi grazzja bl-intercessjoni tiegħu, jew jixtieq jikseb jew iqassam santi bit-talba tiegħu, jew jixtieq jagħmel xi offerta għall-ispejjeż tal-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu, huwa mitlub jikkuntattja lil:*

***Il-Postulazzjoni Kawża Dun Mikiel Attard***
*Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù*
*Il-Belt Victoria VCT 2042, Għawdex.*

*tel:* **21556479 / 21565703** - *email:* **postulazzjoni.dunmikiel@gmail.com**



# Marija fil-Mużika (17)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## Innijiet Liturġiċi: 'Litanija tal-Madonna'

Il-*Litanija tal-Madonna* hija forma ta' talb devozzjonali ta' tifħir lill-Verġni Mqaddsa Marija. Din tingħad bħala konklużjoni tat-talba tar-Rużarju u tintuża wkoll f'diversi servizzi u pur'issjonijiet reliġjużi u Marjani. Fil-Knisja tal-Lvant, il-litaniji minn dejjem kienu jiffurmaw parti mil-Liturġija uffiċjali tagħha u jitkellmu dwar diversi temi, uħud minnhom ta' natura dommatika, morali u patrijottika.

Fil-Liturġija tal-Knisja tal-Punent, il-kelma *litanija* ġejja mill-kelma bil-Latin *litania*, li tfisser "talba ta' invokazzjoni jew interċessjoni". L-unika litanija Marjana approvata uffiċjalment mill-Knisja Kattolika hija l-Litanija ta' Loreto. Din hija msemmija hekk għall-post minn fejn oriġinat, jiġifieri s-Santwarju tal-Madonna f'Loreto, l-Italja. Jingħad li din il-litanija ilha tintuża sa mis-sena 1558, imma kien fis-sena 1587 li l-Papa Sistu V approvaha uffiċjalment.

### Storja

L-eqdem test ta' litanija Marjana li nafu bih huwa dak misjub fil-Librerija ta' Mainz fis-seklu tnax bit-titlu *Letania de domina nostra Dei genitrice virgine Maria: oratio valde bona: cottidie pro quacumque tribulatione recitanda est.* Din tibda bit-talbiet "Mulej, ħniena", "Kristu, ħniena" u "Mulej, ħniena", segwiti minn numru ta' invokazzjonijiet qosra b'tifħir lit-Trinità Qaddisa u b'serje twila ta' titli onorifiċi lill-Verġni Marija. Din il-litanija tikkonkludi b'talb lil Kristu bħala l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.

Litaniji ta' din ix-xorta, jiġifieri twal ħafna, ma tantx jidher li kisbu popolarità, għalkemm huwa possibbli li wieħed isib eżempji ta' din ix-xorta. Fil-mitejn sena li ġew wara, ġew miktuba diversi litaniji Marjani. Il-forma tagħhom hija inċerta, iżda t-tendenza kienet li dawn bdew jinkitbu aktar fil-qasir u bi kliem sempliċi li jista' jifhmu kulħadd. Litanija miktuba b'dan l-istil tinsab fil-Librerija ta' San Mark f'Venezja, l-Italja u aktarx li nkitbet lejn l-aħħar tas-seklu tlettax u l-bidu tas-seklu erbatax. Din tinsab ukoll f'diversi kotba miktuba f'din l-epoka u dan jixhed li t-test beda jintuża minn ħafna bħala l-litanija uffiċjali b'tifħir lill-Verġni Marija. Hija tikkonsisti f'ħamsa u sebgħin (75) titlu ta' unur lill-Madonna. Uħud mit-titli li nsibu f'din il-litanija huma dawn: Omm u Għarusa ta' Kristu, Tempju tal-Ispirtu s-Santu, Reġina tas-Sema u l-Art, Kewkba tal-Ġenna, Ġieħ tal-Martri, Sebħ tas-Saċerdoti, Splendur tal-Verġni, Eżempju ta' Kastità, eċċ.



L-ewwel testi li bdew jinkitbu aktarx li kienu jintużaw biss għat-talb privat, iżda wara li l-litaniji bdew jinkitbu b'test aktar qasir, ma għaddiex ħafna żmien qabel ma bdew jintużaw fil-Knisja b'mod komunitarju. Hekk ġara fil-każ tal-Litanija tal-Qaddisin li bdiet tingħad fil-Knisja waqt il-purċissjonijiet penitenzjali u fi żminijiet ta' diżastri naturali. Insibu li l-ewwel darba li litanija Marjana ġiet reċitata fil-pubbliku kien fis-seklu ħmistax, fi żmien meta diversi pajjiżi kienu milquta bl-epidemija tal-pesta. F'Venezja, il-litaniji ta' tifħir lill-Verġni Marija ġew adattati għall-użu liturġiku waqt il-purċissjonijiet ta' talb fi żmien il-pesta u bħala talb għax-xita fi żmien in-nixfa naturali.

Fit-tieni nofs tas-seklu ħmistax, aħna niltaqgħu ma' tip ieħor ta' litanija li bdiet ukoll titkanta fil-Knisja. L-invokazzjonijiet huma miktuba bi stil sempliċi u jibdew bil-kelmiet *"Sancta Mater"*. Matul il-medda tas-sekli, kienu bosta l-awturi li ħolqu testi liturġiċi għal-Litanija ta' tifħir lill-Verġni Marija, iżda bħalma diġà għedna, l-unika litanija li hija approvata b'mod uffiċjali mill-Knisja hija l-Litanija Lawretana li ġiet approvata fis-sena 1587.

## Il-Litanija Lawretana

Il-Litanija Lawretana taf l-oriġni tagħha fis-Santwarju tal-Madonna f'Loreto. Loreto hija l-belt fejn insibu d-dar tal-Madonna li kienet f'Nazareth. Kien fis-sena 1575 li s-surmast tal-kor tal-Bażilika ta' Loreto, Costanzo Porta, ikkompona l-mużika għal din il-litanija. Din il-kompożizzjoni hija l-eqdem arranġament mużikali li nafu bih u li fuqu titkanta l-Litanija tal-Madonna. Kien hemm diversi kompożituri li matul il-medda tas-snin ikkomponew melodiji sempliċi biex fuqhom titkanta din il-litanija, iżda l-melodija ta' Costanzo Porta baqgħet l-aktar waħda użata sal-ġurnata tal-lum.

Fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, matul l-Erbgħat bi preparazzjoni għas-Solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, il-Litanija tal-Madonna titkanta waqt il-purċissjoni bil-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu li ssir fuq iz-zuntier tas-Santwarju fi tmiem ir-Rużarju Mqaddes. Permezz tal-Litanija, aħna nkunu qed nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija li x-xewqa tagħha hija li twassalna għand Binha Ġesù biex mingħandu nakkwistaw il-paċi u l-faraġ tal-qalb tagħna.♦




## Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-Konferenza Internazzjonali mill-Fondazzjoni Aid to the Church in Need

L-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech sostna li biex inkomplu nirsistu għal-libertà reliġjuża, hemm bżonn nisfidaw l-elementi pessimisti.

L-Isqof Grech qal dan waqt l-omelija tiegħu fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni tal-Konferenza Internazzjonali organizzata mill-Fondazzjoni *Aid to the Church in Need* nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014.

Mons. Mario Grech qal li mument fundamentali u importanti f'din il-Konferenza hija ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Żied jgħid li aħna nifhmu u ngħixu l-għajnuna tagħna ma' ħutna li jbatu minħabba l-persekuzzjoni, bħala att ta' tama u karità. Saħaq li m'għandna qatt ninsew il-karba ta' dawk fil-bżonn.



L-Isqof ta' Għawdex spjega li l-Fondazzjoni *Aid to the Church in Need* għandha rwol importanti biex l-element tal-imħabba jibqa' fil-moħħ u l-qalb tal-insara madwar id-dinja. Qal li "dan hu li jikkwalifikana bħala ħbieb ta' Ġesù."

"Li ngħinu lil ħutna fil-bżonn huwa mitlub fil-kmandament il-ġdid li tagħna Alla," żied jgħid l-Isqof.

## AID TO THE CHURCH IN NEED
## Homily by Bishop Mario Grech at Ta' Pinu National Shrine Wednesday 14th May 2014

We are gathered here in the house of the Lord, in this national Marian shrine, as part of the International Religious Freedom Conference organized by Aid to the Church in Need Pontifical Foundation. A fundamental and important moment of this Conference is the daily celebration of the Eucharist. We are here not just as any other human rights organization. Surely, we are promoting and defending the fundamental human right of religious freedom but our motivations and methods are of a particular nature. In the light of today's Readings in the feast of St Matthias, we can understand and live our aid towards



those brothers and sisters who suffer persecution as an act of faith of hope, and of charity.

Dear brothers and sisters, we stand here today as persons of faith. We have received the gift of faith and profess that Christ is our Lord. One of the criteria for he who was to replace Judas consisted in serving the Apostles "as a witness of his [Christ's] resurrection". We have received this witness and our faith is built upon it. Christ our Lord is risen! Our commitment to help those who suffer persecution stems from this conviction. Otherwise we would do a disservice to the "Church in Need". Our intention is not to exclude the Cross from the Church's life, but to aid so that all Christians could be witnesses of the Resurrection. This entails that they could freely proclaim this Good News in their societies. And it also entails helping those who suffer persecution to continue serving the Church as witnesses of the Risen Christ by keeping strong in their faith whatever the cost.

Our aid is also an act of hope: of Christian hope, because we carry to our persecuted brothers and sisters the certainty that the Risen Lord is with them. As we heard in the Psalm: "He raises the poor from the dust, he lifts the needy from the dunghill, to give them a place among princes, among the princes of his people". Through our thoughts and prayers, words and deeds we encourage those who suffer to lift up their hearts to the Lord who suffers for them, suffers in them, suffers with them. Our presence is a stimulus so that amidst their sufferings they may grow in the joyous hope that as in now they are suffering with Christ and for His name, so they will one day rejoice with him in his glory. Overt as well as less manifest persecutions may cause much tears and sufferings, but they may never suffocate this Christian hope from the lives of Jesus' disciples. Sometimes, despite our efforts to avert persecution, we see that it grows stronger. As Saint Augustine once noted, "the enemy does not cease to persecute; and when he does not openly rage, he plots in secret" (*Tract. in Io.*, X,1). However, ours is not an ever-ending struggle. Christ has given us his assurance: "In the world you will have trouble, but take courage, I have conquered the world." (*Jn* 16, 33). So, with our hearts filled with hope we may be consoled with the Word of the Gospel. As Pope Francis writes in his Exhortation: "The Gospel, radiant with the glory of Christ's cross, constantly invites us to rejoice" (*Evangelii gaudium*, 5). As we continue our fight for religious freedom, we need to battle against all sorts of pessimism that may obscure and diminish the joyous hope of Christ's disciple: Our Lord God is here! In the *Evangelii gaudium* we read: "however dark things are, goodness always re-emerges and spreads. Each day in our world beauty is born anew, it rises transformed through the storms of history. Values always tend to reappear under new guises, and human beings have arisen time after time from situations that seemed doomed. Such is the power of the resurrection, and all who



evangelize are instruments of that power" (*Ibid.*, 276).

Finally, we act out of love that springs from God. We have heard the words of our Lord during his Last Supper: "I have loved you just as the Father has loved me. Remain in my love." *Manete in dilectione mea!* This is the foundation for all actions of brotherly love: remaining in His love to live his commandment: "love one another, as I have loved you". We cannot forget the cries of those in need! Love compels us to action as does Christ's love for us: "No one can have greater love than to lay down his life for his friends." The Pontifical Foundation Aid to the Church in Need plays an essential role to keep alive in the minds and hearts of Christians all over the world this call to remain in Christ's love and love our neighbour as He loves us. This is what qualifies us as friends of Christ. It is our duty on an international, national, diocesan and parochial level, to inculcate in all Christians, of all ages and states of life, this care and brotherly interest for those who suffer persecution. Aiding our brothers in need is not an optional but a requirement of the new commandment given to us by our Lord. May we ask ourselves about how we are responding to Christ's invitation to live in His love and to love.

Aid to the Church in Need: our aid is an act of faith, an act of hope, an act of love! Everyday people from all walks of life come from all over Malta and Gozo, and overseas, to visit this National Shrine dedicated to Our Lady of Ta' Pinu. From this place in 1883, Our Lady spoke to a simple lady Karmni Grima: "Come! Come!" and asked her to recite three Ave Maria in honour of the three days her body remained in the tomb before Assumption to Heaven. This morning we have replied to her invitation. And so we may look to Our Lady, and ask her maternal assistance for all you who have gathered for this International Conference. Virgin Mary, we come here to ask for your maternal help: Virgin Mary, here we are as pilgrims journeying the path towards Heaven. Help us to be true apostles of your Son Jesus Christ. Help us grow in the virtues of faith, hope and charity so that our aid to the Church in Need may be true friends of your Son, ready to love as He loves us. Madonna Ta' Pinu, help us be heralds of the joy of the Gospel! Intercede for our brothers and sisters who suffer persecution so that they be consoled and strengthen by our care, prayer and action. May we all remain in the love of Our Lord Jesus Christ and be witnesses of His Resurrection. Amen.

**✠ Mario**
**Bishop of Gozo**


Aid to the Church in Need
Prayer • Information • Action

info@acnmalta.org

Malta Office:
39b Mdina Road, Attard ATD 9038
Tel: 21487818 Fax: 21586257

26 ta' Mejju 2014

Fr. Gerald Buhagiar
Rettur
Santwarju Ta' Pinu
Gharb
Ghawdex

Għażiż Fr. Buhagiar,

**Re Konferenza Religjuza Internazzjonali tal-'Aid to the Church in Need' (ACN Malta) dwar il-Persekuzzjoni tal-Kristjani**

Ghan-nom tal-**Aid to the Church in Need** (ACN) International u tieghi personali rrid nirringrazzjak ferm tal-ospitalita' u l-koperazzjoni li tajtna meta l-partecipanti minn 16-il pajjiz attendew ghall-Koncelebrazzjoni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech JCD, JUL, Isqof t'Ghawdex, nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2014.

Sincerament kienet okkazjoni sabiha fis-Santwarju Ta' Pinu li hu mizmum b'ghozza mill-Ghawdxin, Maltin, hutna l-Emigranti u t-turisti.

Bhala Rettur irrid nifrahlek ukoll tad-devozzjoni li issa ilek ixxerred f'dan is-Santwarju u anke barra minn xtutna.

Qed nibghatlek 'Mirror' dwar is-Sacerdozju li certament issibha interessanti.

Nitolbu l-Mulej ikompli jghatik id-dehen biex tkompli twettaq il-hidma Pastorali f'dan is-Santwarju.

Nirringrazzjak u nselli ghalik,

Stephen Axisa
Direttur Nazzjonali
ACN (Malta)

*Encls:2*

# Jitfakkar l-24 anniversarju miż-żjara ta' San Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju Ta' Pinu

Ilbieraħ, it-Tnejn 26 ta' Mejju, is-Santwarju Ta' Pinu fakkar l-24 anniversarju minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II qaddes l-ewwel Quddiesa tiegħu fil-gżejjer Maltin fuq iz-zuntier tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex. Kien fi tmiem din il-Quddiesa li huwa poġġa stellarju madwar ir-ras tal-Madonna Ta' Pinu. Għall-okkażjoni anniversarja, is-Santwarju Ta' Pinu flimkien mal-*Fondazzjoni JPII* organizza serata b'element reliġjuż u kulturali.

Fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu ngħadet it-talba tar-Rużarju mmexxija mill-vuċi tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Wara, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Fl-omelija Mons. Isqof stqarr li San Ġwanni Pawlu II ħallielna tliet toroq Marjani li bihom aħna nistgħu nagħmlu esperjenza ta' Kristu u b'hekk insiru xhieda tiegħu. L-ewwel triq hija dik tal-meditazzjoni tar-Rużarju, fejn flimkien ma' Marija nistgħu naħsbu fil-fond fuq il-misteri tas-salvazzjoni tagħna. It-tieni triq hija dik tal-Adorazzjoni Ewkaristika: Marija hija l-mara Ewkaristika u tħeġġiġna biex nimxu fit-triq tas-Sagramenti Mqaddsa. L-aħħar triq San Ġwanni Pawlu II urihielna meta kien fostna u talabna biex niġu f'dan is-Santwarju Ta' Pinu, u ħeġġeġ biex il-familja Maltija u Għawdxija tinġabar f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu ħalli titgħallem minnha tfaħħar u trodd ħajr lil Alla. L-animazzjoni tal-kant waqt il-Quddiesa kienet mill-Mro Dr John Galea bis-sehem tas-sopran Ruth Bezzina.

Wara l-Quddiesa nżamm Kunċert fuq l-Orgni minn Amy Rapa akkumpanjata mit-trumbettista Jason Camilleri. F'dan il-kunċert huma esegwew siltiet tal-kompożituri H. Purcell, J.S. Bach, C. Gounod, C. Franck, E. Morricone, P. Mascagni, J.J. Morrissey, A. Mozart, T. Albinon u J. Stanley.



## Omelija waqt Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-Kanonizzazjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II Santwarju Ta' Pinu, l-Għarb, Għawdex It-Tnejn 26 ta' Mejju 2014

**mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

### *Tliet Toroq Marjani*

San Ġwanni Pawlu II kien konvint li biex jgħin lill-bniedem jiftaħ qalbu għal Kristu, ħtieġlu jgħinu biex l-ewwel jiftaħ qalbu għal Marija, Omm Ġesù. Fil-fatt, daqskemm nistgħu ngħidu li dan il-Papa kien appostlu ħerqan biex ixandar lil Kristu, daqshekk ieħor huwa kellu ħeġġa biex jitkellem dwar Marija. Huwa kien konvint li kull spiritwalità Kristjana, anki dik Protestanta, hija spiritwalità Marjana, għaliex kien Ġesù nnifsu li fil-persuna ta' San Ġwann fada lid-dixxipli tiegħu taħt il-ħarsien matern ta' Ommu. Ma tistax tkun Nisrani jekk ma tkunx devot ta' Marija; min għandu lil Marija bħala ommu, ma jistax ma jiftaħx qalbu għal Kristu.

F'din l-okkażjoni tal-lum, meta qegħdin infakkru l-24 anniversarju minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II ġie bħala pellegrin f'dan is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, nixtieq insemmi tliet "toroq" Marjani li jindika l-Papa biex permezz tagħhom naslu għand Ġesù.



## L-ewwel triq: ir-Rużarju

Fl-Ittra Appostolika *Rosarium Virginis Mariæ* (2002), il-Papa San Ġwanni Pawlu II isejjaħ lir-Rużarju "triq" Marjana li twassal għall-għaqda ma' Kristu. Fil-fatt, min jgħid ir-Rużarju, flimkien ma' Marija, jimmedita dwar Ġesù u magħha jinżel fil-fond tal-misteri tal-ħajja tiegħu. Aktar ma naħsbu dwar Ġesù, aktar nikbru fix-xebh miegħu u, kif jgħid San Pawl, "nilbsu l-istess sentimenti li kellu Kristu" (ara Fil 2:5; Rum 13:14). Għalhekk ir-Rużarju huwa talba li permezz tagħha Marija, bl-imħabba tagħha ta' omm, tedukana sakemm Kristu jissawwar fina.

San Ġwanni Pawlu II jgħid li barra milli huwa talba kontemplattiva, ir-Rużarju joffri opportunità biex issir il-katekeżi. Hekk kif fl-imgħoddi t-talba tar-Rużarju kienet għodda qawwija f'idejn l-Insara biex iħarsu l-fidi mill-ereżija, illum, quddiem l-isfidi kbar li jrid iħabbat wiċċu magħhom il-bniedem, din it-talba tibqa' riżorsa qawwija għal kull min irid ixandar il-Bxara t-tajba.

Fid-dawl ta' dan kollu, hemm bżonn li anki llum aħna nerġgħu niskopru l-ġmiel u l-qawwa tar-Rużarju. Billi ħafna drabi nsibu ruħna f'salib it-toroq u naħbtu ninfixlu liema triq ser naqbdu, bir-riskju li nistgħu mmiddu l-passi tagħna f'direzzjoni li twassalna f'xifer ta' rdum, inħeġġeġ biex, fuq it-tagħlim ta' dan il-qaddis, aħna naqbdu f'idejna l-kuruna tar-Rużarju, waħda mit-toroq żguri li twassalna għand Kristu. Mhux li kien matul ix-xahar ta' Mejju, il-familji tagħna jerġgħu jibdew iduqu l-gost li jinġabru flimkien madwar l-altar tal-Madonna li jkollhom fi djarhom biex jgħidu magħha t-talba tar-Rużarju! Fid-dlam tal-ħajja, ir-Rużarju huwa kewkba tiddi li ddawwal il-mixi tagħna lejn Ġesù.

## It-tieni triq: l-Ewkaristija

Jekk l-ewwel triq hija "devozzjonali", fir-raba' kapitlu tal-enċiklika *Ecclesia de Eucharistia* (2003), San Ġwanni Pawlu II jindikalna triq sagramentali: l-Ewkaristija. Jekk tal-ewwel kienet triq sekondarja, din hija triq irjali. Għax daqskemm ma nistgħux nifirdu l-Knisja mill-Ewkaristija, daqstant ieħor imorru ma' xulxin Marija u l-Ewkaristija. Għaliex kif il-Knisja tagħmel l-Ewkaristija, Marija hija l-gwida li tmexxi lill-Knisja lejn l-Ewkaristija. Kien f'dan l-isfond li l-Papa Ġwanni Pawlu II daħħal it-twaqqif tal-Ewkaristija fost il-Misteri tad-Dawl tar-Rużarju.

Nimitaw lil Marija fil-fidi tagħha, għax kif kienet il-fidi li wasslitha biex bl-"iva" tagħha l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf tagħha, hija din l-istess fidi fis-saċerdot li tibdel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej preżenti fl-Ewkaristija – hija l-fidi li tgħinna nemmnu li taħt l-ispeċi Ewkaristiċi hemm tassew l-Iben ta' Alla bid-divinità u l-umanità tiegħU. Kif kienet il-fidi li għamlet minn Marija tabernaklu li għal disa' xhur ġarr lil Ġesù, hija l-fidi tagħna li twassalna biex ninżlu għarkupptejna quddiem Ġesù preżenti fit-tabernaklu.

Il-Papa Wojtyla jgħid li Marija kienet tgħix l-offerta tagħha nfisha lil Alla, liema għotja ta' mħabba ssib il-milja tagħha meta hija tingħaqad ma' Kristu fuq is-salib. F'dan is-sens, Marija għexet b'mod antiċipat l-Ewkaristija, li hija s-sagrifiċċju ta' Kristu. Fuq l-eżempju tagħha u bl-interċessjoni tagħha, kull meta niċċelebraw l-Ewkaristija, aħna ma nkunux biss spettaturi, imma nitwaħħdu ma' Kristu-vittma billi noffru lilna nfusna b'dak kollu li nkunu ġarrabna fil-ħajja bħala debħa kollha mħabba.

Hemm xebh bejn l-Ewkaristija u l-*Magnificat* ta' Marija: it-tnejn huma kantiċi

ta' tifħir u radd il-ħajr. Fi kliem San Ġwanni Pawlu II, "meta Marija tesklama *Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi*, hija tkun qed iġġorr fil ġuf tagħha lil Ġesù. Tfaħħar lill-Missier 'permezz' ta' Ġesù, iżda tfaħħru wkoll 'f'Ġesù' u 'ma' Ġesù'. Dan huwa l-atteġġjament Ewkaristiku" li għandu jkollna aħna l-Insara – atteġġjament li joħroġ mill-għaqda tagħna ma' Ġesù u fl-istess waqt jagħmel din l-għaqda aktar intima.

## It-tielet triq: is-Santwarju Ta' Pinu

Niftakru li meta kien fuq iz-zuntier ta' dan is-Santwarju, il-Papa Ġwanni Pawlu II, filwaqt li stedinna biex "il-Knisja f'Għawdex tkun eku tal-għanja ta' tifħir ta' Marija f'dan is-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu", huwa għaqqad il-familji tagħna ma' dan is-Santwarju "li l-imħabba u d-devozzjoni ta' ġenerazzjonijiet ta' Kattoliċi Maltin waqqfu għal Marija, Omm Alla". Il-fatt li l-Papa Ġwanni Pawlu II għażel li f'dan il-post qaddis jagħmel appell imqanqal lill-familji tagħna biex "ikunu ħawt li fih is-soċjetà tagħkom tfondi l-impenn imġedded għall-valuri tal-Evanġelju li huwa l-akbar wirt prezzjuż li ġej mill-imgħoddi", juri li huwa kien qed jindika dan is-Santwarju bħala d-destinazzjoni tal-mixja tal-familji tagħna. Fi kliem ieħor, jien nifhem li hawnhekk il-qaddis Ġwanni Pawlu II kien qed juri lill-familji tagħna t-tielet "triq" Marjana li hemm bżonn jgħaddu minnha biex jaslu għand Ġesù. Hija xewqa tiegħi li dan is-Santwarju jkompli jiftaħ il-bibien tiegħu beraħ għall-familji kollha tagħna, speċjalment għal dawk il-familji midruba u mtaqqlin li jixtiequ jsibu l-faraġ taħt il-mant tal-Madonna Ta' Pinu. Intenni l-kliem li l-Papa Ġwanni Pawlu II qal fl-omelija li għamel quddiem dan is-Santwarju: "Nistgħu nkunu fiduċjużi li bi mħabba ta' omm, Marija qatt ma naqset fl-interċessjoni tagħha għal ġenerazzjonijiet ta' ġenituri u tfal, tispira fihom il-biża' tal-Mulej li huwa l-bidu tal-għerf u takkumpanjahom fil-pellegrinaġġ tagħhom ta' fidi".

Il-Papa Ġwanni Pawlu II mhux biss mexxa l-Knisja matul pontifikat twil ta' 27 sena, imma nemmnu li issa li huwa ddikjarat qaddis, jibqa' jidħol għalina quddiem Alla u l-Verġni Mbierka. Hija tama qawwija tagħna li jekk nimxu f'dawn it-tliet toroq Marjani li huwa ppropomielna – l-għożża tar-Rużarju, tal-Ewkaristija u tas-Santwarju Ta' Pinu – aħna naslu fejn wasal hu qabilna.






# Ikoni tal-Fidda

**tal-Madonna Ta' Pinu**

**Diversi Qisien:**

**6 x 9 ċm**
**9 x 13 ċm**
**13 x 18 ċm**
**18 x 24 ċm**
**30 x 38 ċm**
**Tat-Trabi: 8 x 10 ċm**



*Agħti Rigal mill-isbaħ... L-ikoni jinsabu għall-bejgħ mis-Santwarju Ta' Pinu*



# Via Pulchritudinis

## Wirja ta' Arti Sagra

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna Ta' Pinu ċċelebrata fit-22 ta' Ġunju, bejn l-20 ta' Ġunju u s-26 ta' Lulju 2014, fil-Mużew *Dar Karmni Grima*, fl-Għarb, qed tittella' Wirja ta' Arti Sagra bl-isem *Via Pulchritudinis: It-Triq tas-Sbuħija*. Il-kuratur ta' din il-wirja huwa Dun Charles Cini SDB. L-artisti li qed jieħdu sehem huma: Martin Attard, Noel Attard, John Martin Borg, Amedeo Brogli (Taljan), Austin Camilleri, Paul Camilleri Cauchi, Anthony Caruana, Justin Falzon, Manuel Farrugia, Sergio Favotto (Taljan), Loreta Grech, John Grima, Vincent Mangani, Daniel Scerri, Frank Schemnri, George Scicluna u Paul Stellini.

L-għan prinċipali wara din il-wirja huwa li jingħata spazju lil dawn l-artisti biex jesponu s-sbuħija tal-arti sagra, u fl-istess ħin jinġabru fondi għall-Proġett tas-Santwarju Ta' Pinu li għadu kemm inbeda f'dawn l-aħħar xhur. Dan il-proġett ġie maħsub biex ikompli jkabbar il-faċilità li s-Santwarju Ta' Pinu jissokta jkun post ta' serħan il-qalb għal dawk kollha li jżuruh. Il-proġett jinvolvi l-bini ta' parkeġġ (li ġa beda) u ta' Ċentru tal-Viżitaturi, ir-restawr taz-Zuntier tas-Santwarju billi jitpoġġew fuqu l-għoxrin Misteru tar-Rużarju, id-Dar tal-Irtiri, u t-tħawwil ta' siġar Bibliċi (sa issa ġa tħawlu madwar 150 siġra) tul il-Għolja Ta' Għammar fejn tinsab il-Via Sagra, flimkien mar-restawr ta' dawn l-istatwi. Ta' min ifakkar li għal dan il-proġett, is-Santwarju Ta' Pinu jrid jaħseb jipprovdi l-fondi ne'essarji kollha, u mhux minnu li s-Santwarju għandu xi fondi Ewropej għal dan il-proġett. Il-fondi Ewropej kienu nkisbu mis-Santwarju Ta' Pinu biex sar ir-restawr ta' għaxar pitturi ta' Ġużeppi Brifa u għar-restawr tad-Dar ta' Karmni Grima, proġett li ngħalaq u llum din id-dar hija miftuħa bħala mużew.

### Inċiżjoni

Żgur li attrazzjoni oħra fil-Wirja *Via Pulchritudinis* ser tkun l-**Inċiżjoni tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu**. Din l-inċiżjoni saret mill-artist Justin Falzon f'edizzjoni limitata ta' 99 kopja. Kull kopja hija stampata fuq karta bajda *Magnani* u kull waħda hi nnumerata isfel nett fuq ix-xellug u ffirmata bil-lapes mill-artist innifsu isfel fuq in-naħa tal-lemin. Id-daqs tal-karta hu ta' 35x50ċm waqt li d-daqs tal-pjanċa tar-ram li fuqha saret l-inċiżjoni hu ta' 22x31ċm. L-artista juża żewġ kwalitajiet differenti ta' teknika: l-inċiżjoni u s-*softground*.

Il-Mużew *Dar Karmni Grima* li fih qed tittella' din il-wirja jkun miftuħ għall-pubbliku mit-Tlieta sas-Sibt mid-9.00am sal-4.00pm, u fil-Ħdud u festi pubbliċi mid-9.00am san-12.30pm.◆

# Muniti marbuta mas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu













Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu u l-Mużew *Dar Karmni Grima* ngħaqdu f'katina ta' munita għall-kollezzjoni li hija mifruxa f'39 pajjiż madwar id-dinja. Dawn il-muniti juru:

- il-**Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu**,
- is-**Santwarju Bażilika Ta' Pinu**,
- **Karmni Grima**, ix-xebba li semgħet il-leħen tal-Madonna Ta' Pinu.

Dawn il-muniti jistgħu jinxtraw minn magni li jinsabu *fil-Mużew Dar Karmni Grima* kif ukoll fil-*Mużew tas-Santwarju Ta' Pinu*. Bħlissa l-kollezzjoni tal-muniti li jinsabu fil-gżejjer Maltin huma 11, u barra t-tlieta marbuta ma' Ta' Pinu, hemm żewġ muniti oħra ta' kull wieħed minn dawn il-postijiet: ir-Rotunda tal-Mosta, l-Armerija fil-Belt Valletta, Ħaġar Qim u l-Ġgantija.

Għal aktar informazzjoni dwar din il-kollezzjoni, żuru s-sit elettroniku **www.nationaltokens.com**.

---

## Ta' Pinu Souvenir Coins

**The Ta' Pinu National Shrine** and **the Museum *Dar Karmni Grima*** have joined a chain of collector coin souvenir that is spread over 39 countries around the world. The *Ta' Pinu Souvenir Coins* consist of three coins illustrating.

- the Titular Painting of the **Blessed Virgin Mary of Ta' Pinu**,
- the **Ta' Pinu Basilica**,
- the portrait of **Karmni Grima**, the lady who heard the voice of the Blessed Virgin.

These three coins can be purchased from coin souvenir dispensers that are found at the souvenir shop at the Museum of Karmni Grima and at the Museum of the Ta' Pinu Sanctuary. The Maltese Coin Collection is made up of 11 coins which apart from the three found at Ta' Pinu, consist of two coins of the Mosta Church, two of the Ħaġar Qim Visitors' Centre, two of the Palace Armoury in Valletta, and another two of the Ġgantija Temples in Xagħra.

For further information about this coin collection, visit the website **www.nationaltokens.com**.



# Ix-Xogħol fuq il-bini tal-Parkeġġ tas-Santwarju miexi ġmielu...

Bi pjaċir ninfurmawkom li l-proġett tas-Santwarju Ta' Pinu għal intejbu l-faċilitajiet għall-pellegrini u l-viżitaturi jinsab fi stadju avvanzat. Ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa, jew Fażi 1, jikkonsistu fil-bini ta' parkeġġ miftuħ, b'kapaċità ta' madwar tlieta u disgħin (93) karozza. Dan il-parkeġġ ġdid sa jipprovdi servizzi fejn l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà jħossuhom aktar milqugħa, dan għaliex f'dan is-sit ser jinkludi wkoll spazju għal *wheelchairs* aċċessibbli għal persuni bi problemi ta' mobbiltà.

Dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fuq il-parkeġġ tal-karozzi, hu mistenni li l-ħitan li jagħlqu s-sit jitlestew fi żmien qasir. Dawn il-ħitan sa jiġu mgħottija bil-ħitan tas-sejjieħ. L-art tal-parkeġġ sa tkun tali li tippermetti ħaxix indiġenu jikber fuqha. Il-parkeġġ fl-aħħar nett sa jkun miksi bi xtieli u siġar lokali, dawl baxx u sistema ta' tisqija. Ix-xogħlijiet fuq il-parkeġġ tal-karozzi mistenni jintemm fix-xhur tas-Sajf.

Hekk kif tintemm din il-fażi tal-proġett, jibda jiġi żviluppat iċ-Ċentru tal-Viżitaturi li sa jieħu post il-kmamar tal-viċin bħalissa fi stat ħażin ħafna. Il-proġett jinkludi wkoll, f'fażijiet ulterjuri tiegħu, ir-restawr u d-dekorazzjoni mill-ġdid taz-zuntier tas-Santwarju b'xogħlijiet ta' arti sagra, l-użu aħjar tas-swali taħt iz-zuntier għall-iskop ta' dar tal-irtiri, u taħwil ta' siġar u xtieli indiġeni flok dawk barranin li hemm fuq l-għolja Ta' Għammar.

F'din l-ewwel fażi, ix-xogħol fuq il-bini tal-parkeġġ huwa mistenni li jiġi jiswa s-somma ta' madwar €385,000 u trid titħallas kollha kemm hi mis-Santwarju Ta' Pinu. Dan qed issir biex il-parkeġġ jibqa' mingħajr ħlas. Però biex dan isseħħ neħtieġu l-għajnuna finanzjarja tagħkom. Għalhekk qed nagħmlu appell lill-ġenerosità tagħkom biex għall-Festa tal-Madonna Ta' Pinu ta' din is-sena toffru d-donazzjoni tagħkom biex tinġabar is-somma meħtieġa. Dan jista jsir billi tibgħat id-donazzjoni tiegħek permezz ***ta' Cheque*** indirizzat **lis-Santwarju Ta' Pinu** jew tpoġġi d-donazzjoni direttament fil-kont **fl-APS BANK:**



**"Ta' Pinu Sanctuary – Pilgrims Centre"**
**Nru: 2000 1204101,**
**IBAN: MT46APSB77035001336920001204101**







# Work on the Sanctuary's Car Park has started...

We are pleased to report that the Santwarju Ta' Pinu project to upgrade the facilities for pilgrims and visitors is well under way. The current works known as Phase 1 will consist of the construction of an open car-park with a capacity of circa ninety-three (93) cars. This new car-park will provide welcome services for the elderly and persons with disability. A wheelchair depot is being constructed within the site to sustain persons with mobility problems.

With respect to the current car-park works, one expects that the retaining walls around the site will be completed shortly. These retaining walls will be covered in stone rubble "sejjieh". The car-park surface will permit indigenous grasses to grow spontaneously within its open surface. The finishing works to the car-park will include landscaping with indigenous shrubs and trees, low level lighting and irrigation works. Works on the car-park are expected to be concluded by this summer.

These works will be followed by the development of a visitors' centre which will replace the existing dilapidated rooms nearby. Later phases include the refurbishment and the redecoration of the parvis with sacred art, the reuse of rooms underlying the parvis to provide a retreat house and the planting of indigenous trees and shrubs in lieu of the alien ones on Għammar Hill.



The first phase of this project, that is the cost for the car park is estimated to cost around €385,000 which has to be paid solely by the Sanctuary Ta' Pinu, in order to the parking space free of charge. In order to reach this target, we depend on your generosity. We are launching an appeal so that for this year's Feast of Our Lady of Ta' Pinu, you make a donation to help in this project. Donations can be sent by cheque addressed to 'Santwarju Ta' Pinu' or less by depositing your donation directly in the **APS BANK** Account:

**"Ta' Pinu Sanctuary – Pilgrims Centre"**
**Nru: 2000 1204101,**
**IBAN: MT46APSB77035001336920001204101**

# Mill-Ħajja tas-Santwarju




## JANNAR 2014

**It-Tlieta, 21:** F'dan il-jum, il-Kongregazzjoni tal-Qaddisin fil-Vatikan tat ġudizzju pożittiv dwar il-proċess għall-qdusija ta' Madre Margerita De Brincat, fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Għalhekk, malli l-Q.T. il-Papa Franġisku jiffirma d-Digriet, hija tiġi msejħa 'Venerabbli' biex hekk jitkompla l-proċess għall-Beatifikazzjoni tagħha.



Għaldaqstant, fuq ordni ta' Mons. Isqof Mario Grech, fil-knejjes kollha ta' Għawdex indaqqet mota ta' ferħ f'nofsinhar biex tfakkar din il-ġrajja storika.

**Il-Ġimgħa, 24:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fi tmiem l-irtir organizzat mill-Kummissjoni Saċerdotali Żgħażagħ ta' Malta.

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħamis, 2:** Quddiesa minn grupp ta' adolexxenti u żgħażagħ Maltin li jieħdu ħsieb janimaw il-Quddiesa nhar ta' Ħadd fil-parroċċa tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 3:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini Maltin fil-bidu tas-sena 2014.

**L-Erbgħa, 8:** Pellegrinaġġ mill-Moviment Ewkaristiku mill-Parroċċa tax-Xewkija. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Ġwann Mizzi.

**L-Erbgħa, 22:** Pellegrinaġġ għall-anzjani mill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Dan tmexxa mill-Kappillan il-Kan. John Muscat flimkien ma' Dun Ġorġ Vella u sar b'ringrazzjament lill-Madonna fil-bidu tas-sena 2014.

**L-Erbgħa, 29:** Pellegrinaġġ mill-membri tal-Fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa Ta' Kerċem. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom minn Mons. Girgor Grech.



## FRAR 2014

**Is-Sibt, 1:** Lejlet il-Festa Liturġika tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju (il-Gandlora). Fl-4.30pm saret iċ-ċerimonja djoċesana tal-Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu. Din iċ-ċerimonja kienet organizzata mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex u tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

**L-Erbgħa, 5:** Quddiesa fi tmiem l-irtir reġjunali tas-Sorijiet ta' Mother Theresa ta' Calcutta.

**Is-Sibt, 8:** Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr lil Alla ppreseduta mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Moviment Ewkaristiku Għawdxi (6 ta' Frar 1964 – 6 ta' Frar 2014). Preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm Mons. Carmelo Hili u Mons. Rosario Borg, fundatur ta' dan il-Moviment. Il-liturġija kienet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmel P. Grech, *Maestro di Cappella* tas-Santwarju.

**L-Erbgħa, 12:** Dun Karm Camilleri ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni ta' għeluq sninu u biex jitlob il-protezzjoni tal-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 13:** Patri Mark Demanuele MSSP iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Madonna f'għeluq it-tmintax-il sena ta' Joslene u Christiana Theuma.

**Il-Ħamis, 20:** Patri Donald Bellizzi OFMCONV, Kappillan tal-Ajruport ta' Malta, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-fejqan ta' ommu.



**L-Erbgħa, 26:** Ingħata bidu għall-bini tal-parkeġġ il-ġdid tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Fis-7.00am ir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar laqqa' lill-ħaddiema li ser jaħdmu fuq dan il-proġett u flimkien qalu talba li fiha talbu l-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu biex is-Santwarju jkompli jkun post ta' serħan il-qalb għal kull pellegrin li jżur dan il-post magħżul mill-Madonna.

*Pellegrinaġġi*:

**L-Erbgħa, 5:** Żjara minn grupp ta' pellegrini minn Għajnsielem.

**Is-Sibt, 15:** Pellegrinaġġ mill-komunità tas-Seminarju Maġġuri tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mir-Rettur Dun Jimmy Bonnici.

**It-Tnejn, 17:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mill-Polonja.

## MARZU 2014

**It-Tlieta, 4:** Lejlet Ras ir-Randan. Fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech li fiha missieru George u l-familja tiegħu rregalaw lis-Santwarju Kurċifiss kbir li għal diversi snin kien fid-dar tal-ġenituri tagħhom, il-mejtin George u Luigia Grech. Waqt il-Quddiesa, fi tmiem it-talbiet ta' interċessjoni, l-Isqof bierek dan il-Kurċifiss li kien espost ħdejn l-altar-mejda tas-Santwarju matul iż-żmien tar-Randan.

F'din l-istess ġurnata, l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat b'mod unanimu l-proġett tal-Misteri tar-Rużarju li ser isir fuq iz-zuntier tas-Santwarju.

**Is-Sibt, 8:** Ġie amministrat is-sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Kurt Borg u Shasha Bartolo. Iċ-ċelebrant kien Mons. Salv Pace.

Fil-Quddiesa tas-6.30pm saret il-funzjoni tat-Tberik tat-Tarbija fil-Ġuf tal-Omm. Din iċ-ċerimonja tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Kien hemm preżenti madwar sebgħin koppja.

**Il-Ħamis, 13:** Madwar sittax il-ħaddiem mill-fergħa tal-bank tal-HSBC tar-Rabat Għawdex, għamlu xogħol ta' tindif fuq l-għolja Ta' Għammar fejn qalgħu l-ħaxix ħażin minn mal-istatwi tal-Via Sagra. Wara li spiċċaw għal madwar il-5.00 p.m. daħlu fis-Santwarju u sellmu lill-Madonna Ta' Pinu fil-kappella tagħha.



**Is-Sibt, 22:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Grupp Missjunarju ĊAM – Perù.

**Il-Ġimgħa 28:** Fl-okkażjoni tal-"Festa tal-Maħfra" imnedija mill-Q.T. il-Papa Franġisku, il-komunità tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex mexxiet l-Ewkaristija fis-6.30pm flimkien mal-kongregazzjoni preżenti. Wara, tkompliet l-Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u kien hemm diversi saċerdoti disponibbli għall-Qrar sa nofsillejl.

**Il-Ħadd, 30:** Ġie amministrat is-sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Laura Azzopardi u Andrè Lupi. Iċ-ċelebrant kien Mons. Salv Pace, assistit minn Dun Loretu Tabone.

***Pellegrinaġġi:***

**It-Tnejn, 3:** Pellegrinaġġ u Quddiesa mit-tfal ta' *Saint Patrick's School* f'Tas-Sliema, Malta.

**Il-Ħamis, 6:** Pellegrinaġġ minn numru kbir ta' pellegrini Maltin immexxija minn Edward Spiteri.

**L-Erbgħa, 12:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa waqt pellegrinaġġ li sar minn Ħaż-Żabbar f'Malta. Mexxa Dun Luke Seguna u preżenti kien hemm 140 pellegrin.

**Il-Ħamis, 13:** Żjara minn grupp ta' pellegrini mid-Djoċesi ta' Norwich, USA.

**Il-Ħadd, 23:** Pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan mill-Parroċċa Arċipretali ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ. Saret Konċelebrazzjoni fl-4.00pm immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Reuben Micallef flimkien ma' Dun Geoffrey George Attard u Dun Ġużepp Vella.

**It-Tnejn, 31:** Pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan mill-Parroċċa ta' Santa Venera. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kappillan Patri Joe Saliba OCARM.

Fl-istess ġurnata, ġiet organizzata *Via Sagra* fuq l-Għolja Ta' Għammar mit-tfal u l-ġenituri tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, u żjara minn grupp ta' abbatini, familjari u ħbieb li jiffrekwentaw il-knisja tal-Erwieħ fil-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien.

---


# ĠEDDED
## *l-Abbonament*
## fir-rivista għas-sena 2014




**Abbonament**
**għas-sena 2014**

- Lokali: **€ 8.00**
- Ewropa: **€ 16.00**
- Barra mill-Ewropa: **€ 20.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (It-22 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

## F'Nazareth u fit-Tempju

"Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-Liġi tal-Mulej, reġgħu lura lejn il-Galilija fil-belt tagħhom ta' Nazareth. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu" (Lq 2:39-40).

Alla dawwal lil Ġużeppi u lil Marija biex iġibu lura lit-tfajjel mill-art ta' l-eżilju għall-Galilija, l-aktar parti umli ta' Israel. Hemm, fid-dar tat-talb ta' Nazareth, jikber Ġesù. L-evanġelista jenfasizza l-umanità vera ta' Ġesù. Bħal tfal oħra Ġesù jikber, imma b'differenza mill-oħrajn hu diġà mimli bl-għerf u jiddi bil-grazzja ta' Alla. Marija tgħin lil Ġesù jikber fl-għarfien, fil-ħila li jimxi, li jitkellem, li jwieġeb u li juri s-sinjal komuni ta' mħabba, il-libertà kreattiva ta' Ġesù. F'dan iż-żmien ta' żvilupp, m'hemmx dubju li Marija għandha rwol ipprivileġġjat. Bħal mera safja hi tirrifletti l-imħabba divina; hi li, flimkien ma' Ġużeppi, tgħanni l-għanjiet tal-Qaddej u ħajjitha hi l-aqwa kummentarju fuqhom. Hekk kif Ġesù jissokta jikber kuljum, hi tista' tifhem aħjar il-profezija ta' l-għaġeb. Hi l-barka tagħha li tara l-grazzja ta' Ġesù, l-ispontanjetà tal-ħajja tat-talb tiegħu, il-grazzja f'li jgħin lill-oħrajn.

"Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet, qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh. Wara tlitt ijiem sabuh fit-Tempju, bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh instamtu, u ommu qaltlu: 'Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma'. U hu qalilhom: 'U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?'. Iżda kliemu ma fehmuhx. Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazareth; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (Lq 2:41-52).



Il-ġrajja tat-Tempju hi profezija kbira: nilmħu jibda l-ftim ta' Kristu, il-pellegrin, mill-familja tiegħu. Dan joħloq xokk u ansjetà kbar. Sa dak in-nhar Marija u Ġużeppi kienu jafu lil Ġesù fid-dipendenza tajba tiegħu u l-attenzjoni lejhom. Jidher li qatt ma kien għamel xejn mingħajr ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. U issa, f'daqqa waħda, joħroġ fid-dieher il-missjoni tiegħu, li titlob tbatija u l-esperjenza profonda ta' l-eżodu ta' Marija. Il-ġrajja donnha tħabbar minn qabel iż-żmien meta Ġesù kellu jħalli d-dar tiegħu ta' Nazareth biex iqatta' erbgħin jum fid-deżert, u iktar tard biex isir pellegrin tal-Vanġelu ħaj fil-Galilija u l-Lhudija. Il-profezija tmur iktar lil hemm minn dik il-firda: hemm tlitt ijiem mimlija bit-tbatija; huma jħabbru t-tlitt ijiem bejn il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib u l-Qawmien tiegħu.

Is-silta Biblika hi ta' importanza mill-akbar. L-ewwel darba li nisimgħu lil Ġesù jsejjaħ lil Alla li jista' kollox "Missier", (u m'hix iżjed espressjoni ġenerali), hu jgħid: "Missieri". Hi l-espressjoni profonda tar-relazzjoni bejn Ġesù u Dak li bagħtu. Hi l-kelma li titnaqqax iktar minn kull kelma oħra fuq il-memorja tal-Knisja tul is-sekli.

Din il-kelma ta' Ġesù mlissna fit-Tempju wara l-firda sorprendenti tiegħu minn Marija u Ġużeppi tindika l-familja l-ġdida, il-familja sħiħa tal-mifdija li tinbena fuq ir-relazzjoni unika ta' Ġesù ta' Nazareth mal-Paternità tal-Missier. Din il-kelma, "*Abbà*, Missier", għad tkun l-aħħar kelma li Ġesù jlissen minn fuq is-salib. Kull Lhudi jtemm il-jum tiegħu b'talba lil Jaħweh: "F'idejk jien nerħi ruħi". Dak li hu ġdid u qatt ma nstema', imma, hu li fuq is-salib Ġesù jżid din il-kelma: "Missier". Hu wrieh bħala l-Missier ta' kulħadd. Jiftħu orizzonti għal kollox ġodda fl-istorja tas-salvazzjoni, u meta wara l-Qawmien tiegħu l-Mulej ikellem lil Marija Maddalena, hu jagħmilhom ċari d-dimensjonijiet tal-familja l-ġdida: "Missieri u Missierkom". Qabel it-tlugħ tiegħu fis-Sema hu jwiegħed l-Ispirtu s-Santu, waqt li jirriferi mill-ġdid għal dak l-isem uniku ta' Missier: "U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu" (Lq 24:49).

Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli miġbura madwar Marija tagħti l-ħajja lill-familja l-ġdida mwiegħda mill-ġrajja profetika li seħħet fit-Tempju meta Ġesù, ta' tnax-il sena, juri għall-ewwel darba x'inhi r-relazzjoni tiegħu ma' Dak li jista' kollox. Il-familja l-ġdida ta' Alla turi lilha nfisha kullimkien tul l-istorja fejn l-Ispirtu ta' Alla jqanqal lill-bnedmin u huma jagħrfu li huma wlied ta' Alla. "L-Ispirtu jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: '*Abbà*, Missier!'" (Rum 8:14-15).

Marija, omm Ġesù ta' Nazareth, hi msejħa biex tidħol f'dimensjoni ġdida ta' għarfien. Ir-rwol tagħha hu anki akbar: hi magħżula biex tkun l-omm tal-Knisja; għandha maternità fil-familja ġdida ta' Alla mibnija fuq ir-relazzjoni ta' Ġesù ma' Missieru tas-Sema u ma' l-Ispirtu s-Santu. Marija, qawwija fil-fidi u mimlija bi mħabba ta' omm, tgħix qrib ta' Ġesù; imma hi tgħaddi wkoll mil-lejl mudlam tal-fidi. Minkejja s-safa u l-ħlewwa kbar tagħha, m'hix kapaċi tifhem mill-ewwel il-profondità sħiħa tal-ġrajjiet u tal-kelmiet ta' Ġesù. Minkejja dan, kull ma hi tagħmel u tgħid hu talba biex Ġesù jikxfilha

l-misteru u t-tifsira tal-kelmiet li hu jgħid f'din il-ġrajja. Hi tgħożż kliemu f'qalbha sa ma tasal għall-għarfien sħiħ tiegħu.

Fil-ħajjiet ta' Ġesù u Marija m'hemmx post għal dik li aħna nsejħulha "konverżjoni". Fihom m'hemmx l-iċken dell ta' dnub, imma huma wkoll jgħixu taħt il-liġi ta' kull ma jikber. Ta' min jinnota kif Luqa, fl-istess kapitlu, darbtejn jagħfas fuq kif Ġesù jikber fl-għerf u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Dan hu importanti wkoll għall-Knisja, hekk kif bil-mod tifhem aktar il-missjoni tagħha u titħabat kull ħin biex tiddeċifra s-sinjali taż-żminijiet.

*Irroddulek ħajr, Missier,*
*Missier ta' Sidna Ġesù Kristu,*
*u Missierna,*
*li fit-Tempju wrejt l-għerf*
*ta' Ibnek, Ġesù.*
*Qatt ma nistgħu*
*rroddulek ħajr biżżejjed*
*għall-aħbar ta' ferħ*
*li fostna hawn Ħuna*
*li b'kull dritt*
*jista' jsejjaħlek "Missieri",*
*u li jagħtina li nissieħbu miegħu*
*fil-familja l-ġdida*
*u li nsejħulek "Missierna".*
*Mulej Alla, Missierna,*
*agħmilna qaddisin,*
*agħmilna ħaġa waħda f'ismek.*

*Irroddulek ħajr, o Marija,*
*għall-għożża tiegħek*
*ta' omm għal Ġesù,*
*Ħuna u Sid tagħna.*
*Inħossu profondament*
*l-uġigħ u t-tbatija ta' qalbek*
*f'dik il-ġrajja profetika*



*li tħabbar minn qabel*
*tlitt ijiem ta' tbatija ikbar*
*wara l-mewt ta' Ibnek, Ġesù Kristu.*
*Itlob għalina*
*biex ngħożżu f'qalbna kliem Ġesù*
*kif għamilt int,*
*u biex ikollna s-sabar u l-fedeltà*
*fl-isforz komuni tagħna*
*biex nilħqu għarfien iktar profond*
*tal-kelmiet ta' Ġesù*
*u dixxerniment isħaħ*
*tas-sinjali taż-żminijiet.*
*Amen.* ◆

# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...



**Jannar - Marzu 2014**

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**GHAWDEX:** Attard Antoinette, Attard Guzeppa, Attard Rita, Azzopardi Loreta, Bajada Carmen, Bezzina Jeremy, Bonello Philip, Borg Frans, Bugeja Michael, Buttigieg Grace, Buttigieg Gracy, Buttigieg Guza, Buttigieg Marita, Buttigieg Rita, Buttigieg Tania, Bzorg Joseph, Camilleri Ganna, Camilleri Joe, Camilleri John, Camilleri Katie, Camilleri Nicolette, Cassar Judith, Cauchi Eugenio, Cauchi Golina, Cauchi Karmnu, Cauchi Roseanne, Cefai Carmel, Cefai Simon, Cini Michael, Cini Rita, Costa Carmen, Curmi Giga, Debono Maryanne, Debrincat Karista, Debrincat Marion, Farrugia Joe, Formosa Gorga, Formosa Jason, Gatt Familja, Gauci Maria, Grech Anthea, Grech Josephine, Grech Rose, Hili Margerita, Hili Robert, Hili Sunta, Lupi Joe, Meilaq Gorgina, Meilaq Peter, Mercieca Annie, Mercieca Bernardette, Mercieca Doreen, Mercieca Frieda, Mercieca Jane, Mercieca Margaret, Mercieca Paul, Mercieca Pawlu, Mercieca Victoria, Muscat Carmen, Muscat Jessica, Muscat Joseph, Muscat Karmnu, Muscat Lisa, Muscat Marie, Pace Charlie, Pace Lonza, Pace Maria, Pisani Guza, Portelli Frank, Portelli Joanna, Portelli Jordan, Portelli Violet, Refalo Rodeick, Saliba Anglu, Sammut Fr, Peter, Spiteri Marija, Spiteri Michelle, Sultana Daniel, Sultana Doris, Sultana Helen, Sultana Margaretm Sultana Michael, Sultana Neville, Sultana Sylvia, Tabone Anne, Tabone Doris, Tabone Namcy, Tabone Rita, Vella Carmen, Vella Fr. George, Vella Joseph, Vella Mary, Vella Rita, Vella Rose, Xerri Carmen, Xerri Chris, Xiberras Rita, Xuereb Ganni, Xuereb Maria, Xuereb Nazzarena, Xuereb Roseanne, Zammit Jeffrey.

**MALTA:** Agius Carmelo, Agius Charlie, Agius Francis, Agius Mario, Agius Vadala John, Aquilina Andrew, Aquilina Angela, Aquilina Grace, Attard Josephine, Attard Maria, Attard Nathalie, Attard Romina, Axisa Manwela, Azzopardi Joanne, Baldacchino Gemma, Bartolo Antonia, Bellizzi John, Bellizzi Tereza, Bonanno Mikiel, Bonello Jonathan, Bonnici Lilly, Borg Anna, Borg Catherine, Borg Mary Grace, Borg Tereza, Bugeja Familja, Bugeja Gorg, Bugeja Mario, Bugeja Rose, Buhagiar Katrina, Busuttil Dorianne, Buttigieg Mary, Cachia Josephine, Camilleri Connie, Camilleri Joe, Camilleri Mary, Carbonaro Jane, Carbone John, Cascun Tereza, Cashia Josephine, Cassar Felix, Catania John, Cauchi Carmelo, Cauchi Dolly, Cauchi Kevin, Cini Roberta, Cuschieri George, Cutjar Stephanie, Debattista Raymond, Debono Gorgina, Degiorgio Helen, Dimch Fr. Mario, Ellul Claire, Fabri Joyce, Falzon Charlie, Falzon Emanuel, Farrugia Chantelle, Farrugia Familja, Farrugia Karistu, Farrugia Spira, Fenech Maria, Galea Familja, Galea Marika, Galea Mary, Galea Salvu, Gatt Francis, Gatt R., Gauci Maria, Gauci Vicky, Gerada Francis, Giordmania Tereza, Grech Maria, Grech Mary, Grima Charmaine, Grima Mary, Jimmy, Laferla Tarcisio, Lilly, Magro Gorgina, Magro Josephine, Mamo Marie, Mangion Margaret, Mercieca Mary, Micallef Louis, Micallef Mary, Micallef Pauline, Micallef Stephanie, Micallef Tabone Marlyne, Micallef Terise, Mifsud Fidele, Mintoff Marcelle, Muscat Antida, Muscat Kitty, Pace Audrey, Piscopo Julie, Puli Mary, Pulis Giovanna, Rapa Joseph, Saliba Maria, Saliba Marianne, Sammut Marija, Sant Rita, Schembri Charles, Schembri Familja, Schembri Roberta, Shaun, T. Joseph, Vassallo Roberta, Vassallo Roberto, Vassalo Sean, Vella Betty, Vella Carmen, Vella Doris, Vella Gorg, Vella Mary, Vella Noel, Xuereb Carmen, Xuereb Maria Stella, Zammit Damian, Zammit Margaret, Zerafa Marisa.

(Ikompli f'paġna 36)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Jannar - Marzu 2014

**GĦAWDEX:** Agius Amy, Agius Marie, Agius Markus, Agius Salviour, Apap Nikol, Aquilina Luke, Attard Elisa, Attard Mikhail, Attard Nicole, Azzopardi Lucas, Borg Eman, Borg Isaac, Borg Lucas Joe, Brooke Maree, Bugeja Ilaria, Bugeja Luca, Buhagiar Massimo, Buttigieg Jerome John, Buttigieg Maria, Camenzuli Sheldon, Camilleri Chanel, Camilleri Luke, Camilleri Michael, Camilleri Xuereb Diego, Caruana Jade, Caruana Raquel, Cassar Amyra, Cassar Jayden, Cassar Joseph, Cauchi Mariah, Cini Marayha, Custo Katelyn, Farrugia Tiana, Fava Mickaya, Galea Eve, Galea Maria, Galea Matthea, Galea Nathan, Gatt Juliana, Gatt Yana, Grech Jake, Grech Michele Carlos Jacob, Hili Eliza, Hili Kyle, Hili Margherita, Hili Naomi, Mercieca Cayden, Mercieca George, Mercieca Ilona, Mercieca Kayden, Micallef Owen, Mifsud Jeanvic, Muscat Lincoln Paul, Pace Liana, Pace Matthias, Perici Calascione Benjamin, Portelli Eliza, Portelli Ezron, Refalo Jasmine, Refalo Mariah, Refalo Zak, Said Jake, Saliba Damian, Scicluna Andrea, Spiteri Maiya, Spiteri Matthew, Spiteri Micheila, Stellini Klara, Tabone Sagona Kristen, Theuma Ganni, Vassallo Elisa, Vella Alessia, Vella Gianelle Marie, Vella Ian, Vella Zac, Xerri Alison, Xiberras Elena, Xuereb Ayana, Xuereb Clara, Xuereb Faith, Xuereb Jerome, Zammit Raisa,

**MALTA:** Abela Nathan, Attard Elisa, Attard Julia, Attard Matthias Philippe, Bartolo Kyle, Bellia Adam James, Bezzina McKay Lyla, Bonello Jeremy, Bonnici Jayden, Borg Matthew, Brincat Abigail, Bugeja Kurt Juan Bradley, Bugeja Zack, Caruana Dezenia, Chetcuti Luca, Chetcuti Matteo, Connell Alesia, Connell Reana, Cutajar Noah, Debattista Williams Raisa, Debono Matthias, Delceppo Andrea, Farruga Hailey, Formosa Calvyn, Formosa Denzil, Galea Emmalene, Gauci Gayla, Lonahborough Chlor Lian, Lonahborough We Llen, Magri Nick, Mamo Noah, Merilak Angelica, Mozzi Nathan Joseph, Muscat Emilia, Muscat Fracesca, Pace Brincau Maximillian, Said Elisa Marie, Saliba Valentina, Schembri Kyla, Sciortino Andrew, Spagnol Mikeas, Xuereb Demicoli Shezielle, Xuerreb Nina, Zammit Jean Paul.

---

(ikompli minn paġna 35)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

**AMERIKA:** Buttigieg Kevin & Melissa, Chetcuti Paul & Romina, Curmi Tony, Grech Agnes, Grech Frank & Mary.

**ASJA:** D'Melo Mary.

**AWSTRALJA:** Attard John, Azzopardi Marija, Formosa Familja, Mercieca Antoinette, Mercieca Rose, Mifsud Anthony, Muscat Familja, Rapa Joe & Mary, Spiteri John & Sandra, Tabone Rose.

**EWROPA:** Assi Family, Ghatahora lilly, Johnston Anthony, Lall Family, Peron Donato, Toner Denise.

# Agħti rigal lill-MADONNA TA' PINU fil-festa tagħha...



***Bid-Donazzjoni tiegħek tkun qed tgħin biex is-Santwarju Ta' Pinu jkompli jkun post aħjar għal Serħan il-Qalb!***

- **Għal kull donazzjoni ta' €10 jew €20 tirċievi xbieha tal-Wiċċ tal-Madonna Ta' Pinu**



- **Għal kull donazzjoni ta' €50 tirċievi domna tal-Fidda tal-Madonna Ta' Pinu**



- **Għal kull donazzjoni ta' €100 tirċievi xbieha tal-Fidda tal-Madonna Ta' Pinu ta' daqs 6 x 9 cm**



**Tista' tagħmel dan billi toffri l-offerta tiegħek direttament fis-Santwarju Ta' Pinu jew tibgħat Cheque indirizzat: "Santwarju Ta' Pinu", Triq Ta' Pinu, Għarb – Gozo GRB 1704**

## Tixtieq tagħti Rigal għal xi Okkażjoni Speċjali....



***Is-Santwarju Ta' Pinu għandu għall-bejgħ diversi ikoni tal-Fidda bix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu ta' diversi daqsijiet...***



***... b'hekk tkun qed tgħin biex jinġabru fondi għall-parkeġġ tas-Santwarju Ta' Pinu.***




# Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

## Programm 2014

**Il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju:**
***Id-79 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru***

**7.00am, 8.30am:** Quddies.

**6.00pm:** Adorazzjoni Ewkaristika u talba tar-Rużarju.

**6.30pm:** Quddiesa mis-saċerdot il-ġdid Dun Daniel Sultana. Janima l-Kor *Nativitas* taħt it-tmexxija ta' Mro Ivan Attard, assistent *maestro di cappella*.

**7.30pm:** Fil-Mużew Dar Karmni Grima, ftuħ tal-Wirja ta' Arti Sagra bl-isem *Via Pulchritudinis*, fejn issir ukoll it-tnedija uffiċjali ta' Inċiżjoni tal-Madonna Ta' Pinu, xogħol tal-artist Justin Falzon f'edizzjoni limitata ta' 99 kopja. Din il-wirja, bis-sehem ta' tmintax-il artista, tiġi inawgurata mill-Onorevoli Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, u tibqa' miftuħa għall-pubbliku sas-Sibt, 26 ta' Lulju 2014.

**Is-Sibt 21 ta' Ġunju:**
***Lejlet il-Festa tas-Sejħa tal-Madonna***

**7.00am, 8.30am:** Quddies.

**6.00pm:** Kant tal-Ewwel Għasar tal-Verġni Marija mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**6.30pm:** Translazzjoni u Pontifikal Solenni mil-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bis-sehem tar-reliġjużi u l-persuni kkonsagrati, fejn mill-ġdid iqiegħdu l-ħajja kkonsagrata tagħhom taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu. Janima l-Kor Stella Maris taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmel P. Grech. Xandira diretta fuq TVM2 u Radju Marija 102.3FM.

**Il-Ħadd 22 ta' Ġunju:**
***Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu***

**5.00am, 6.15am, 8.30am, 10.00am u 11.30am:** Quddies.

**10.00am:** Talba tas-Supplika lill-Madonna Ta' Pinu. Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, flimkien ma' saċerdoti u reliġjużi minn Malta u Għawdex. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni jitkanta t-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla għal tant grazzji li xerred fuqna bl-interċessjoni ta' Ommna Marija. Janima l-Kor Stella Maris taħt it-tmexxija ta' Mro Carmel P. Grech, maestro di cappella. *Xandira diretta fuq TVM2 u Radju Marija 102.3FM, waqt li s-Supplika tkun imxandra wkoll fuq Radju RTK 103.0/97.8FM.*

**12.30-4.00pm:** Adorazzjoni fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

**4.30pm:** Kant tat-Tieni Għasar tal-Verġni Marija mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**5.00pm:** Quddiesa minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Għarb. Janima l-Kor Parrokkjali tal-Għarb, taħt it-tmexxija ta' Mro Antoine Mercieca.

**7.00pm:** Quddiesa minn Mons. Carmelo Gauci bis-sehem tal-Grupp ta' Talb Madonna Ta' Pinu. Wara mumenti ta' Adorazzjoni, Purċissjoni Ewkaristika aux flambeaux fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Janima l-Chorus Urbanus, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea. *Xandira diretta fuq Radju RTK 103.0/97.8FM Stereo.*

**10.15pm:** Talba ta' Għeluq il-Jum u Barka Ewkaristika.

- *Is-saċerdoti kollha huma mistiedna jikkonċelebraw fil-Pontifikal tat-22 ta' Ġunju.*
- *F'dawn il-ġranet hu l-okkażjoni biex tmur iżżur u titlob fil-Mużew "Dar Karmni Grima" li jkun miftuħ mid-9.00am sal-4.00pm.*

NEWSPAPER POST